Il-Ġurnal Uffiċjali C 361

tal-Unjoni Ewropea

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

25 ta' Ottubru 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 361/01 Avviż tal-Kummissjoni — Il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 361/02 Rata tal-kambju tal-euro 30

2017/C 361/03 L-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifika mir-Repubblika Ċeka ta' pjan nazzjonali tranżizzjonali mmodifikat imsemmi fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali 31

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 361/04 Sejħa għall-Proposti 2018 — EAC/A05/2017 — Il-Programm Erasmus+ 32

MT

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 361/05 Avviż lill-operaturi ekonomiċi — Sensiela ġdida ta' talbiet għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli 36

2017/C 361/06 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8644 — AXA/NN Group/Portfolio — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 37

2017/C 361/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8518 — MDP/HPS/Nevada/Towergate) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 39

2017/C 361/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8671 — BP/Bridas/Axion) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 41

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 361/09 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel 42

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel

(2017/C 361/01)

Werrej

Paġna

1.	Introduzzjoni	2
1.1.	Sfond	2
1.2.	Skop	3
2.	Kamp ta' Applikazzjoni	4
2.1.	X'inhi r-ridistribuzzjoni tal-ikel?	4
2.2.	X'inhu ikel żejjed?	4
2.3.	Min huma l-atturi?	5
3.	Ir-ridistribuzzjoni tal-ikel: ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi	6
3.1.	Attivitajiet ta' ridistribuzzjoni u organizzazzjonijiet karitatevoli	8
3.1.1.	L-għażla ta' ikel żejjed għar-ridistribuzzjoni	9
3.2.	It-traċċabbiltà	9
4.	Determinazzjoni tar-responsabbiltà primarja u tar-responsabbiltà meta jqumu kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ikel	11
4.1.	Il-kuntest ġuridiku	11
4.2.	L-implikazzjonijiet għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed	12
5.	Ir-regolamenti dwar l-iġjene u r-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed	12
5.1.	Ir-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene applikabbli għall-attivitajiet kollha ta' donazzjoni tal-ikel	13
5.2.	Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-iġjene applikabbli għar-ridistribuzzjoni ta' ikel li joriġina mill-annimali	13
5.3.	Ir-rekwiżiti tal-iġjene applikabbli għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed mis-setturi tal-ospitalità, tal-forniment tal-ikel u tas-servizz tal-ikel	14
5.4.	L-iffriżar ta' ikel żejjed biex tiġi ffaċilitata r-ridistribuzzjoni	15
6.	Informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi	15
6.1.	Il-kuntest ġuridiku	15
6.2.	L-implikazzjonijiet għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed	17
6.2.1.	Ir-rekwiżit ta' informazzjoni għall-ikel ippakkjat bil-lest	17
6.2.2.	Ir-rekwiżiti tal-lingwa	17
6.2.3.	Ir-rekwiżit ta' informazzjoni għall-ikel li mhux ippakkjat bil-lest	17

6.3. L-immarkar tad-data 18

6.3.1. Il-kuntest ġuridiku 18

6.3.2. L-implikazzjonijiet għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed 18

6.3.3. Il-bajd: ir-regoli dwar l-immarkar tad-data u l-prattiki ta' ridistribuzzjoni 19

7. Ir-regoli fiskali 19

7.1. It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) 19

7.2. Inċentivi fiskali 20

8. Programmi Oħra tal-UE 21

8.1. Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u d-donazzjonijiet tal-ikel 21

8.2. Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli 21

8.3. Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura 22

Referenzi 23

Anness 1: Tabella sommarja ta' dispożizzjonijiet legali b'rilevanza għad-donazzjoni tal-ikel 25

Anness 2: Siġra tad-deċiżjonijiet: Hemm bżonn li nikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 bħala bejjiegħ bl-imnut li jforni lil organizzazzjoni karitatevoli/bank tal-ikel jew bħala organizzazzjoni karitatevoli/bank tal-ikel? 29

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

Fl-UE, kważi kwart tal-popolazzjoni — 119,1 miljun persuna — kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2015 u 42,5 miljun persuna ma setgħux jaffordjaw ikla ta' kwalità kull jumejn ([1]). Fl-istess ħin, huwa stmat li fis-sena fl-UE jiġu ġġenerati madwar 88 miljun tunnellata ta' skart tal-ikel b'kostijiet assoċjati stmati f'EUR 143 biljun ([2]).

Minbarra l-impatt ekonomiku u soċjetali importanti tagħha, il-ħela tal-ikel tpoġġi pressjoni żejda fuq ir-riżorsi naturali limitati u fuq l-ambjent. Skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), madwar terz tal-ikel kollu prodott fid-dinja jintilef jew jintrema ([3]). L-ikel li jinħasad iżda finalment jintilef jew jintrema jikkonsma madwar kwart tal-ilma kollu użat mill-agrikoltura kull sena ([4]) u jirrikjedi erja tar-raba' daqs iċ-Ċina ([5]). L-iskart tal-ikel jiġġenera madwar 8 % tal-emissjonijiet ta' gass serra globali fis-sena ([6]).

Il-fokus primarju tal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel għandu jkun li tittieħed azzjoni fis-sors billi tiġi limitata l-ġenerazzjoni ta' ikel żejjed f'kull stadju fil-katina tal-provvista tal-ikel (jiġifieri il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-konsum). Meta jkun hemm eċċessi ta' ikel, l-aħjar destinazzjoni, li tiżgura użu tal-ogħla valur ta' riżorsi ta' ikel li jittiekel, hija li dawn jiġu rridistribwiti għall-konsum mill-bniedem.

Id-donazzjoni tal-ikel mhux talli tappoġġa l-ġlieda kontra l-faqar tal-ikel talli tista' tkun lieva effettiva fit-tnaqqis tal-ammont ta' ikel żejjed imqiegħed għal użijiet industrijali jew mibgħut għat-trattament tal-iskart u finalment il-miżbla. Madankollu, minkejja li r-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed hija fenomenu li qed jikber u l-manifatturi u l-bejjiegħa bl-imnut tal-ikel għandhom ir-rieda li jagħtu b'donazzjoni iż-żejjed tagħhom lil banek tal-ikel u organiżmi tal-karità, l-ammont ta' ikel irridistribwit xorta waħda jirrappreżenta porzjon żgħir tal-ikel żejjed li jittiekel kumplessiv disponibbli fl-UE. Pereżempju, fl-2016, membri tal-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel (FEBA) iddistribwixxew 535 000 tunnellata ta' ikel lil 6,1 miljun persuna ([7]), li jirrappreżentaw porzjon żgħir biss tal-volum ta' skart tal-ikel stmat iġġenerat fis-sena fl-UE.

([1]) Eurostat, 2017.

([2]) "Estimates of European food waste levels", (Stimi tal-livelli tal-iskart tal-ikel fl-Ewropa), FUSIONS (Marzu 2016).

([3]) FAO (Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti). 2011. "Global Food Losses and Food Waste — Extent, Causes and Prevention" (Telf tal-Ikel u Skart tal-Ikel Globali — Portata, Kawżi u Prevenzjoni). Ruma: UN FAO.

([4]) M. Kummu, H. de Moel, M. Porkka, S. Siebert, O. Varis, u P.J. Ward. 2012. "Lost Food, Wasted Resources: Global Food Supply Chain Losses and Their Impacts on Freshwater, Cropland and Fertilizer Use" (Ikel Mitluf, Riżorsi Moħlija: Telf fil-Katina tal-Provvista tal-Ikel Globali u l-Impatti Tiegħu fuq l-Ilma Ħelu, ir-Raba' u l-Użu ta' Fertilizzanti). "Science of the Total Environment" (Xjenza tal-Ambjent Totali) 438, 2012, p. 477.

([5]) FAO. 2013. "Food Wastage Footprint & Climate Change" (L-impronta tal-Iskart tal-Ikel u t-Tibdil fil-Klima). Ruma: UN FAO.

([6]) FAO. 2015. "Food Wastage Footprint & Climate Change". Ruma: UN FAO.

([7]) Il-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel (FEBA): http://www.eurofoodbank.eu/. Barra minn hekk, it-Tafel ("banek tal-ikel" Ġermaniżi li ma humiex membri tal-FEBA) jiddistribwixxu madwar 220 000T ta' ikel fis-sena lil madwar 1,5 miljun persuna.

L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati identifikaw ostakli legali u operazzjonali, għal donaturi u riċevituri, għar-ridistribuzzjoni ta' ikel tajjeb u li jittiekel fl-UE ([1]). Il-Pjan ta' Azzjoni ppropost mill-Kummissjoni għall-promozzjoni ta' Ekonomija Ċirkolari ([2]) għaldaqstant jirrikjedi li l-Kummissjoni *inter alia* tiċċara l-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mal-ikel sabiex tiffaċilita d-donazzjoni tal-ikel.

1.2. **Skop**

Din il-gwida għandha l-għan li tiċċara dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-UE u tgħin biex jitneħħew l-ostakli għar-ridistribuzzjoni tal-ikel fi ħdan il-qafas regolatorju attwali tal-UE. B'mod aktar speċifiku, dawn il-linji gwida se jfittxu li:

— jiffaċilitaw il-konformità tal-fornituri u r-riċevituri ta' ikel żejjed mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fil-qafas regolatorju tal-UE (eż. sikurezza tal-ikel, iġjene tal-ikel, traċċabbiltà, responsabbiltà, VAT, eċċ.);

— jippromwovu interpretazzjoni komuni mill-awtoritajiet regolatorji fl-Istati Membri tal-UE ta' regoli tal-UE li japplikaw għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed.

Il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel neċessarjament jiffokaw fuq dawk il-kwistjonijiet li jeħtieġu li jiġu indirizzati fil-livell tal-UE, u b'hekk ifittxu li jikkomplementaw iżda mhux jidduplikaw dawk stabbiliti fl-Istati Membri. Il-linji gwida żviluppati fil-livelli nazzjonali u/jew settorjali, ħafna drabi mfassla flimkien mas-sħab tar-ridistribuzzjoni u awtoritajiet kompetenti (fil-livelli nazzjonali u/jew reġjonali), għandhom rwol importanti fl-iżgurar tas-sikurezza tal-ikel, it-traċċabbiltà u l-iċċarar tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' diversi atturi involuti fl-irkupru u r-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed ([3]). Il-linji gwida settorjali madwar l-UE ([4]) jistgħu jappoġġaw ukoll sforzi ta' ridistribuzzjoni tal-ikel u jippromwovu qsim tal-aħjar prattika.

Il-Kummissjoni għaldaqstant tirrakkomanda bil-qawwa li r-regoli u/jew il-linji gwida rilevanti dwar id-donazzjoni tal-ikel jiġu żviluppati fil-livell nazzjonali sabiex jiġu stabbiliti b'mod ċar għall-atturi kollha r-regoli u l-proċeduri operattivi eżistenti fil-livell nazzjonali, inklużi r-responsabbiltajiet rispettivi tal-atturi ewlenin, sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità u tiġi promossa l-aħjar prattika. F'dan ir-rigward, il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel, adottati mill-Kummissjoni Ewropea f'konsultazzjoni mal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf tal-Ikel u l-Ħela tal-Ikel ([5]), jistgħu jintużaw bħala referenza li l-atturi fl-Istati Membri jqisu meta jfasslu l-gwida u r-regoli nazzjonali.

Il-gwida tal-Istati Membri tista' tiċċara ulterjorment ukoll ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ta' negozju tal-ikel f'żoni fejn ir-regoli nazzjonali japplikaw, pereżempju, b'rabta mar-responsabbiltà (ara wkoll it-taqsima 4). L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti barra minn hekk jistgħu jħeġġu t-tfassil u t-tixrid ta' manwali ta' prattika tajba għall-irkupru u r-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Sabiex titħeġġeġ id-donazzjoni tal-ikel, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jixtiequ jikkunsidraw inċentivi tat-taxxa għall-operaturi ta' negozju tal-ikel (ara t-taqsima 7.2) kif ukoll l-implimentazzjoni, mill-atturi kkonċernati, ta' attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u taħriġ biex jiġu appoġġati ulterjorment il-prattiki ta' ridistribuzzjoni tal-ikel tajjeb fuq il-post.

([1]) Iddokumentati pereżempju fil-"Comparative study on EU Member States' legislation and practices on food donations" (EESC, 2014), (Studju komparattiv dwar l-leġiżlazzjoni u l-prattiki tal-Istati Membri tal-UE dwar id-donazzjonijiet tal-ikel (KESE, 2014); "Counting the Cost of Food Waste: EU food waste prevention" (L-Għadd tal-Kost tal-Iskart tal-Ikel: prevenzjoni tal-iskart tal-ikel fl-UE) (House of Lords tar-Renju Unit, 2013-2014); "Review of EU legislation and policies with implications on food waste" (Rieżami tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE b'implikazzjonijiet fuq l-iskart tal-ikel (FUSIONS, 2015); "Food redistribution in the Nordic Region" (Ridistribuzzjoni tal-ikel fir-Reġjun Nordiku) (Kunsill Nordiku tal-Ministri, TemaNord, 2014-2016); kif ukoll laqgħat tal-Kummissjoni ma' awtoritajiet nazzjonali kompetenti u partijiet ikkonċernati u kontributi individwali li waslu mingħandhom, inklużi membri tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf tal-Ikel u l-Ħela tal-Ikel stabbilita fl-2016 bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari (ara http://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/eu_actions/index_en.htm).

([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-għeluq taċ-ċirku — Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari" [COM(2015) 614 final].

([3]) "Food redistribution in the Nordic Region, phase II: identification of best practice models for enhanced food redistribution" (Ridistribuzzjoni tal-ikel fir-Reġjun Nordiku, fażi II: identifikazzjoni tal-mudelli tal-aħjar prattika għal ridistribuzzjoni tal-ikel imtejba) (Kunsill Nordiku tal-Ministri, TemaNord, 2016).

([4]) Pereżempju, "Every Meal Matters — Food donation guidelines", (Kull Ikla Tgħodd — Linji gwida dwar id-donazzjoni tal-ikel) minn FoodDrinkEurope/EuroCommerce/il-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel — approvati mill-Kumitat Permanenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

([5]) https://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/eu_actions/eu-platform_en

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

Sabiex jiġi ffaċilitat il-qsim ta' informazzjoni dwar prattiki nazzjonali ta' donazzjoni tal-ikel, il-Kummissjoni tippubblika linji gwida eżistenti fl-Istati Membri tal-UE fuq is-sit web tagħha ddedikat għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel ([1]). Meta l-gwidi settorjali nazzjonali u madwar l-UE ta' prattika tajba relatati mad-donazzjoni tal-ikel jiġu żviluppati fil-kuntest tar-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel ([2]) u nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea, dawn isiru disponibbli wkoll f'reġistru online ([3]).

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel jinkludi l-irkupru u r-ridistribuzzjoni tal-ikel minn operaturi ta' negozju tal-ikel li huma pprovduti, mid-detentur, mingħajr ħlas.

2.1. X'inhi r-ridistribuzzjoni tal-ikel?

Ir-ridistribuzzjoni tal-ikel hija proċess fejn l-ikel żejjed li jista' inkella jintrema, jiġi rkuprat, miġbur u pprovdut lil persuni, b'mod partikolari lil dawn fil-bżonn.

Bħala parti mill-ħidma tiegħu biex jipprevjeni t-telf u l-ħela tal-ikel u jippromwovi s-sigurtà tal-ikel, tim multidixxiplinari tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) ippropona definizzjoni għal "irkupru u ridistribuzzjoni għal ikel tajjeb u nutrittiv għall-konsum mill-bniedem" kif ġej ([4]):

— "Irkupru ta' ikel tajjeb u nutrittiv għall-konsum mill-bniedem" huwa meta wieħed jirċievi, bi jew mingħajr ħlas, ikel (ipproċessat, nofsu pproċessat jew nej) li inkella jintrema jew jinħela mill-katini tal-provvista tal-agrikoltura, tal-bhejjem u tas-sajd tas-sistema tal-ikel. "Ridistribuzzjoni ta' ikel tajjeb u nutrittiv għall-konsum mill-bniedem" hija meta jinħażen jew jiġi pproċessat u mbagħad iddistribwit l-ikel irċevut skont l-oqfsa xierqa tas-sikurezza, il-kwalità u regolatorji direttament jew permezz ta' intermedjarji, u bi jew mingħajr ħlas, lil dawk li jkollhom aċċess għalih għat-teħid tal-ikel.

Insostenn tal-isforzi li għaddejjin, kemm fil-livelli tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali, għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u bbilanċjati għaċ-ċittadini Ewropej kollha, b'mod partikolari t-tfal, ir-ridistribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għandha tqis, kull meta possibbli, il-kontribut tagħhom għal dieta bbilanċjata. F'dan ir-rigward, il-linji gwida nutrizzjonali nazzjonali għandhom jintużaw bħala dokumenti ta' gwida.

Il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel — filwaqt li huma konsistenti mad-definizzjoni ta' ridistribuzzjoni tal-ikel ipproposta mill-FAO — għandhom l-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE li japplikaw meta prodotti tal-ikel isiru disponibbli mid-detentur, mingħajr ħlas. Ir-ridistribuzzjoni tal-ikel tinkludi firxa wiesgħa ta' atturi, netwerks u attivitajiet li qegħdin jevolvu b'mod rapidu. Minkejja li l-banek tal-ikel huma s-sħab l-aktar komuni u prinċipali fil-qasam tar-ridistribuzzjoni tal-ikel, il-gwida pprovduta aktar 'il quddiem, rigward l-applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-UE (eż. sikurezza tal-ikel, iġjene tal-ikel, informazzjoni tal-konsumaturi, responsabbiltà, eċċ.), tista' tiġi applikata wkoll għal mudelli u/jew atturi oħra tar-ridistribuzzjoni tal-ikel. Dawn tal-aħħar jistgħu jinkludu entitajiet impenjati f'attivitajiet ta' ridistribuzzjoni tal-ikel mingħajr skop ta' qligħ, bħal supermarkits jew ristoranti soċjali, fejn il-benefiċjarju aħħari f'ċerti każijiet jista' jagħmel ħlas nominali sabiex jirċievi ikel jew ikliet.

2.2. X'inhu ikel żejjed?

Ikel żejjed, li jikkonsisti minn prodotti tal-ikel lesti (inklużi laħam frisk, frott u ħxejjex), prodotti parzjalment ifformulati jew ingredjenti tal-ikel, jista' jirriżulta fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel għal diversi raġunijiet. Ikel li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur u/jew tal-konsumatur (eż. varjazzjonijiet fil-kulur, id-daqs, il-forma tal-prodott, *eċċ.*) kif ukoll żbalji fil-produzzjoni u t-tikkettar jistgħu jiġġeneraw ikel żejjed pereżempju fis-setturi tal-agrikoltura u tal-manifattura. Diffikultajiet fil-ġestjoni tal-provvista u d-domanda jistgħu jwasslu għal ordnijiet żejda u/jew ordnijiet imħassra. Kwistjonijiet relatati ma' mmarkar tad-data, bħal meta ma jkunx fadal biżżejjed ħajja tal-prodott mal-kunsinna jew regoli nazzjonali li jipprevjenu r-ridistribuzzjoni ta' ikel wara d-data ta' "uża qabel", jistgħu jipprevjenu wkoll li ikel jinbiegħ u jiġi ddistribwit permezz tal-kanali tal-bejgħ bl-imnut normali.

([1]) http://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/library/index_en.htm
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004.
([3]) https://webgate.ec.europa.eu/dyna/hygienelegislation/
([4]) L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (Mejju 2015). "Comprehensive definition for 'recovery and redistribution of safe and nutritious food for human consumption'" (Definizzjoni komprensiva għal "irkupru u ridistribuzzjoni għal ikel tajjeb u nutrittiv għall-konsum mill-bniedem") (http://www.fao.org/save-food/news-and-multimedia/news/news-details/en/c/288692/).

Ikel żejjed jista' jiġi rridistribwit sakemm ikun tajjeb għall-konsum mill-bniedem u konformi mar-rekwiżiti kollha tas-sikurezza tal-ikel ([1]), kif speċifikat mir-regoli tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u l-informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi kif ukoll mir-regoli nazzjonali rilevanti. Ikel adatt għad-donazzjoni tal-ikel jista' jinkludi, pereżempju, prodotti li: ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur jew tal-konsumatur; ikollhom imballaġġ u/jew tikkettar alterat iżda li ma jikkompromettux is-sikurezza tal-ikel jew l-informazzjoni lill-konsumaturi; ikunu mmarkati biż-żmien (bħal prodotti intiżi għal staġun tal-vaganzi speċifiku jew attività promozzjonali); ikunu maħsuda fl-għelieqi bil-permess tal-produttur; ikunu qabżu d-data ta' "uża qabel" iżda xorta waħda jkunu jistgħu jiġu kkonsmati b'mod sikur; ikunu ġew miġbura u/jew ikkonfiskati mill-awtoritajiet regolatorji għal raġunijiet li mhumiex is-sikurezza tal-ikel, eċċ.

Ir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed u l-impenn f'attivitajiet ta' donazzjoni tal-ikel jistgħu għaldaqstant jitwettqu minn operaturi ta' negozju tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel. Operaturi ta' negozju tal-ikel (eż. bdiewa, manifatturi u bejjiegħa bl-imnut tal-ikel) jistgħu jagħtu b'donazzjoni ikel żejjed permezz ta' organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni (bħal banek tal-ikel), netwerks tal-ġbir u organizzazzjonijiet karitatevoli oħra jew direttament lill-konsumaturi nfushom (eż. impjegati).

2.3. **Min huma l-atturi?**

Il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel tkopri atturi involuti f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, kemm jekk donaturi kif ukoll jekk riċevituri. Dawn il-linji gwida jindirizzaw u għandhom l-għan li jiċċaraw ir-responsabbiltajiet u l-obbligi speċifiċi tal-operaturi ta' negozju tal-ikel fir-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed kif stabbilit fil-liġi tal-UE dwar l-ikel u b'mod partikolari fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-hekk imsejħa Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

In-netwerk ta' ridistribuzzjoni għall-ikel żejjed fl-UE huwa kumpless, li jinvolvi tipi differenti ta' atturi u proċessi operattivi.

Organizzazzjonijiet "donaturi"

Dawn huma operaturi ta' negozju tal-ikel li jistgħu jipprovdu ikel żejjed minn kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, jiġifieri: produzzjoni primarja, ipproċessar u manifattura tal-ikel, bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra kif ukoll is-setturi tal-forniment tal-ikel u tal-ospitalità.

Organizzazzjonijiet "riċeventi"

Dawn huma involuti fir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed u jistgħu jiġu kklassifikati bħala organizzazzjonijiet "ta' quddiem" jew "tal-isfond", fejn xi wħud jissodisfaw iż-żewġ funzjonijiet ([3]):

— L-organizzazzjonijiet "tal-isfond" jirkupraw ikel mogħti b'donazzjoni minn atturi mill-katina tal-provvista tal-ikel li huma jittrasportaw, jaħżnu u jirridistribwixxu lil netwerk ta' organizzazzjonijiet karitatevoli affiljati u kkwalifikati inklużi organiżmi tal-karità, ristoranti soċjali, impriżi soċjali, eċċ.

— L-organizzazzjonijiet "ta' quddiem" jirċievu ikel mogħti b'donazzjoni minn organizzazzjonijiet "tal-isfond" u/jew direttament minn atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel. Dawn, min-naħa l-oħra, jipprovdu dan l-ikel lill-benefiċjarji tagħhom f'diversi forom (eż. pakketti tal-ikel, postijiet li jipprovdu l-ikel b'xejn, ikliet servuti f'ristoranti/kafetteriji soċjali, eċċ.); xi wħud jistgħu wkoll ibigħu prodotti tal-ikel lil persuni fil-bżonn fi prezz issussidjat.

F'ħafna Stati Membri, l-organizzazzjonijiet "tal-isfond" jissejħu "banek tal-ikel"; madankollu, f'ċerti Stati Membri (eż. l-Estonja, il-Ġermanja u n-Netherlands) il-"banek tal-ikel" ma jirridistribwixxux ikel lil organizzazzjonijiet oħra biss iżda jipprovdu ikel ukoll direttament lill-benefiċjarji aħħarin. Barra minn hekk, l-attivitajiet kemm tal-organizzazzjonijiet "ta' quddiem" kif ukoll dawk "tal-isfond" jistgħu jvarjaw fl-Istati Membri: xi wħud jillimitaw il-ħidma tagħhom għall-ħżin, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ikel; oħrajn jipproċessaw u jippreparaw ikel u/jew ikliet li jiġu pprovduti lill-benefiċjarju aħħari.

Dan id-dokument jindika l-organizzazzjonijiet "tal-isfond" bħala "organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni" (OR) u "ta' quddiem" bħala "organizzazzjonijiet karitatevoli" (OK).

([1]) WRAP tar-Renju Unit ipprovdiet gwida dwar x'jikkostitwixxi ikel żejjed adatt għar-ridistribuzzjoni bħala parti minn għodda li tgħin lill-industrija żżid ir-ridistribuzzjoni ta' ikel u xorb żejjed fir-Renju Unit. "Framework for Effective Redistribution Partnerships" (Qafas għal Shubijiet Effettivi ta' Ridistribuzzjoni) (WRAP, 2016).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([3]) Il-klassifikazzjoni pproposta fil-linji gwida dwar id-donazzjoni tal-ikel imfassla minn FoodDrinkEurope, EuroCommerce u l-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel, *Every Meal Matters,* Ġunju 2016, p. 16.

Donaturi privati

Il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, li tistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv li huwa l-bażi tal-liġi tal-UE dwar l-ikel, ma tapplikax għall-produzzjoni primarja għal użu domestiku privat u l-preparazzjoni, l-immaniġġjar jew il-ħżin primarji tal-ikel għal konsum domestiku privat. Għaldaqstant jirriżulta li l-persuni privati li jipprovdu ikel fuq bażi *ad hoc*, f'avvenimenti komunitarji jew karitatevoli oħra inklużi inizjattivi ta' ġbir, huma esklużi minn obbligi relatati mal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel bħalma huma organizzazzjonijiet karitatevoli li kultant jirċievu ikel mingħand persuni privati. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kjarifika addizzjonali fir-regoli nazzjonali jew parir biex jgħinu lill-fornituri tal-ikel karitatevoli jew komunitarji biex jirċievu kontribuzzjonijiet minn donaturi privati biex jikkonformaw mar-rekwiżit li jservu ikel tajjeb.

Barra minn hekk, ir-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel u l-informazzjoni dwar l-ikel japplikaw biss għall-impriżi, li l-kunċett tagħhom jimplika ċerta kontinwità ta' attivitajiet u ċertu grad ta' organizzazzjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel għaldaqstant jeskludi operazzjonijiet bħall-immaniġġjar, il-preparazzjoni, il-ħżin u l-preżentazzjoni okkażjonali tal-ikel minn persuni privati f'avvenimenti bħal fieri tal-knisja, tal-iskola jew tar-raħal. Gwida addizzjonali f'dan il-qasam hija pprovduta fit-taqsima 3.8 tad-"Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel" ([1]). L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida ulterjuri sabiex jiċċaraw jekk il-provvista tal-ikel komunitarja jew karitatevoli tirrikjedix reġistrazzjoni skont ir-regoli dwar l-iġjene tal-ikel ([2]).

Organizzazzjonijiet "faċilitaturi"

Sabiex jiffaċilitaw ir-ridistribuzzjoni tal-ikel, organizzazzjonijiet intermedjarji jistgħu jipprovdu wkoll servizzi li jippermettu kuntatt bejn donaturi u riċevituri tal-ikel u r-rikonċiljazzjoni tal-provvista tal-ikel żejjed mad-domanda potenzjali. Meta jintużaw netwerks tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), is-sid tal-pjattaforma jew għodda diġitali oħra, huwa mħeġġeġ jiġbed l-attenzjoni tad-donaturi u r-riċevituri tal-ikel — pereżempju meta tali atturi jkunu operaturi ta' negozju tal-ikel (ara t-taqsima 3 hawn taħt) — għall-obbligi rispettivi tagħhom skont il-liġi tal-UE dwar l-ikel. L-organizzazzjoni responsabbli għan-netwerk tal-ICT titqies bħala fornitur ta' "servizz minn soċjetà tal-informazzjoni" kif iddefinit fid-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

F'każijiet fejn l-attivitajiet tal-organizzazzjoni "faċilitatriċi" jinkludu l-preparazzjoni, l-immaniġġjar, il-ħżin u/jew id-distribuzzjoni tal-ikel — pereżempju l-ġestjoni ta' refriġeratur pubbliku fejn l-ikel żejjed isir disponibbli mid-donaturi għal ridistribuzzjoni ulterjuri — is-sid x'aktarx li jitqies bħala operatur tan-negozju tal-ikel. F'tali każijiet, il-linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel se tkun rilevanti għall-attivitajiet tagħhom.

3. **IR-RIDISTRIBUZZJONI TAL-IKEL: IR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-ATTURI**

Ir-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed hija koperta mil-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel. Operazzjonijiet relatati mal-provvista tal-ikel, sew jekk għall-profitt sew jekk le, jitqiesu b'mod ċar bħala li "jqiegħdu fis-suq" ikel:

— "tqegħid fis-suq" tfisser iż-żamma ta' ikel jew għalf għall-għanijiet ta' bejgħ, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas sew jekk le, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, u xi forma oħra tat-trasferiment innifsu ([4]).

Organizzazzjonijiet li jirċievu ikel żejjed — kemm jekk organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni (OR) kif ukoll karitatevoli (OK) — jitqiesu bħala operaturi ta' negozju tal-ikel skont il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

— "negozju tal-ikel" tfisser kull impriża, sew għall-profitt sew jekk le u sew pubblika kemm privata, li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju ta' produzzjoni, ipproċessar jew distribuzzjoni tal-ikel ([5]).

([1]) https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/biosafety_fh_legis_guidance_reg-2004-852_mt.pdf

([2]) Ara, pereżempju: Guidance on the application of EU food hygiene law to community and charity food provision (Gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel għall-provvista tal-ikel karitatevoli jew komunitarja), Food Standards Agency tar-Renju Unit, Marzu 2016.

([3]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

([4]) L-Artikolu 3(8) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

([5]) L-Artikolu 3(2) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

— “operatur ta’ negozju tal-ikel” tfisser persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa fin-negozju tal-ikel taħt il-kontroll tagħhom [1].

L-Artikolu 17 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel jiddefinixxi r-rwoli tal-operaturi kollha ta’ negozju tal-ikel fil-katina sħiħa tal-ikel (jiġifieri bdiewa, manifatturi, importaturi, sensara, distributuri, negozji pubbliċi u privati tal-forniment tal-ikel, organizzazzjonijiet ta’ ridistribuzzjoni u karitatevoli ta’ ikel u għalf, eċċ.) u dak tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-UE kif ġej:

“1. L-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-għalf f’kull stadju tal-produzzjoni, ipproċessar, u tqassim fin-negozji taħt il-kontroll tagħhom għandhom jiżguraw li l-ikel u l-għalf ikunu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel li huma relevanti għall-attivitajiet tagħhom u għandhom jivverifikaw li dawk il-ħtiġijiet jitħarsu.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-liġi dwar l-ikel, u jimmonitorjaw u jivverifikaw li l-ħtiġijiet relevanti tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa mill-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-għalf fl-istadji kollha tal-produzzjoni, ipproċessar u tqassim. […]” [2].

L-Artikolu 17(1) jimponi fuq l-operaturi ta’ negozju tal-ikel obbligu li skontu huma jridu jipparteċipaw b’mod attiv fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel u jivverifikaw li tali rekwiżiti jiġu ssodisfati. Dan ir-rekwiżit ġenerali huwa marbut mill-qrib ma’ rekwiżiti obbligatorji oħra stabbiliti minn leġiżlazzjoni speċifika dwar l-ikel [pereżempju, l-implimentazzjoni tal-Prinċipji tal-Analiżi tal-Perikli u l-Punti Kritiċi ta’ Kontroll (HACCP) fil-qasam tal-iġjene tal-ikel]. Għaldaqstant, dan jagħti r-responsabbiltà primarja [3] għall-konformità mar-rekwiżiti tal-liġi (tal-UE u nazzjonali) dwar l-ikel lill-operaturi ta’ negozju tal-ikel fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni fin-negozji (jew l-attività fil-katina tal-provvista tal-ikel) taħt il-kontroll tagħhom.

Minħabba li operatur ta’ negozju tal-ikel qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex ifassal sistema sikura għall-provvista ta’ ikel u jiżgura li l-ikel li jipprovdi jkun tajjeb, huwa jkollu r-responsabbiltà primarja li jiżgura l-konformità mal-liġi dwar l-ikel u b’mod partikolari s-sikurezza tal-ikel. (Fir-rigward tal-interazzjoni mar-responsabbiltà primarja u r-responsabbiltà legali, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 4).

Fir-rigward tal-attivitajiet kollha relatati mal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel, l-operaturi ta’ negozju tal-ikel impenjati fir-ridistribuzzjoni ta’ ikel żejjed jeħtieġu li jivvalutaw, fuq bażi ta’ każ b’każ, ir-rekwiżiti li huma xierqa u jiżguraw, fost oħrajn, li s-sikurezza tal-ikel u l-informazzjoni lill-konsumaturi ma jkunux kompromessi. Eżempji ta’ obbligi li jirriżultaw mir-rekwiżit ġenerali ta’ responsabbiltà primarja għall-organizzazzjonijiet li jimmaniġġjaw u jirridistribwixxu ikel żejjed (OR u OK) huma, pereżempju, il-ħtieġa li jiżguraw il-ħżin xieraq ta’ ikel refriġerat biex tinżamm il-katina tal-kesħa, kif meħtieġ mir-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel, u l-projbizzjoni ta’ ridistribuzzjoni ta’ ikel li tkun għaddietlu d-data “uża sa”, kif speċifikat mir-regoli tal-UE dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi fir-rigward tar-rekwiżiti ta’ sikurezza stabbiliti fil-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel [4].

L-operaturi ta’ negozju tal-ikel involuti fir-ridistribuzzjoni tal-ikel għandhom japplikaw prattiki ta’ iġjene tajba u għandu jkollhom sistema ta’ awtokontroll (HACCP) [5] fis-seħħ. Id-definizzjoni ta’ tali sistemi ta’ awtokontroll, adattata għall-attivitajiet ta’ ridistribuzzjoni, tista’ tappoġġa l-OR u l-OK fil-ġestjoni ta’ kwalunkwe riskju operazzjonali kif ukoll fil-verifika li r-rekwiżiti jkunu ssodisfati; pereżempju, permezz tar-reġistrazzjoni u l-verifika ta’ temperaturi kesħin tal-ħżin. Fl-istabbiliment ta’ tali pjan, jista’ jiġi previst approċċ proporzjonat u flessibbli kif spjegat fl-Avviż tal-Kummissjoni rilevanti [6].

Bħala operaturi ta’ negozju tal-ikel, l-OR u l-OK iridu jivverifikaw ukoll li r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel ikunu ssodisfati għall-attivitajiet taħt il-kontroll tagħhom u jistgħu, f’dan ir-rigward, jirrifjutaw prodotti offruti bħala donazzjoni li jistgħu jippreżentaw riskju għall-konsumaturi finali (eż. prodotti b’imballaġġ li tkun saritlu ħsara, aspett anormali tal-ikel, prodott viċin wisq id-data “uża sa” biex jippermetti r-ridistribuzzjoni u l-użu sikuri tiegħu mill-konsumatur qabel l-iskadenza tiegħu, eċċ.).

(1) L-Artikolu 3(3) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

(2) L-Artikoli 17(1) u 17(2) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

(3) Il-Premessa 30 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

(4) L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi jispeċifika li “wara d-data sa meta għandu jintuża, l-ikel għandu jitqies li ma jkunx sikur (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18) fit-tifsira tal-Artikolu 14(2) sa (5) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002”.

(5) Proċeduri bbażati fuq l-HACCP jew “HACCP”: proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-periklu u l-punti kritiċi ta’ kontroll (HACCP), jiġifieri sistema ta’ awtokontroll li tidentifika, tevalwa u tikkontrolla perikli li huma sinifikattivi għas-sikurezza tal-ikel b’konsistenza mal-prinċipji tal-HACCP.

(6) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi għall-immaniġġjar tas-sikurezza tal-ikel li jkopru l-programmi prerekwiżiti (PRPs) u l-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, inkluż il-faċilitazzjoni/il-flessibbiltà tal-implimentazzjoni f’ċerti negozji tal-ikel (ĠU C 278, 30.7.2016, p. 1).

Għall-atturi kollha fil-katina ta' distribuzzjoni tal-ikel, l-OR u l-OK iridu jiżguraw b'mod partikolari li l-ikel imqiegħed fis-suq ikun konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel stabbiliti fl-Artikolu 14 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, li jaqra kif ġej:

"1. L-ikel m'għandux jitqiegħed fuq is-suq jekk ma jkunx tajjeb.

2. L-ikel għandu jitqies li ma jkunx tajjeb jekk ikun meqjus li: (a) jkun ta' ħsara għas-saħħa; (b) ma jkunx tajjeb għall-konsum uman. […]" [1].

Il-kunċetti ta' "jkun ta' ħsara għas-saħħa" u "ma jkunx tajjeb għall-konsum uman" huma spjegati ulterjorment fl-Artikoli 14(3)-14(5) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel kif ukoll fil-gwida [2] mfassla mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jappoġġaw lill-atturi kollha fl-issodisfar tal-obbligi relatati mal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

Il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel timponi wkoll rekwiżit ġenerali tat-traċċabbiltà fuq l-ikel kollu mqiegħed fis-suq tal-UE (ara wkoll it-Taqsima 3.2 fejn dan ir-rekwiżit huwa elaborat ulterjorment):

"— It-traċċabilità ta' ikel, għalf u annimali li jipproduċu l-ikel, u kull sustanza oħra maħsuba li tkun, jew mistennija li tkun, inkorporata fl-ikel jew fl-għalf għandha tiġi stabbilita fl-istadji kollha tal-produzzjoni, ipproċessar u tqassim" [3].

Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit ġenerali tat-traċċabbiltà, l-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fir-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed jeħtieġ li jżommu rekords ta' minn fejn ġej l-ikel u, jekk jipprovdu ikel lil negozji oħra, huma jridu jiddokumentaw ukoll lil min ġie ddistribwit l-ikel (ara t-taqsima 3.2).

L-operaturi kollha ta' negozju tal-ikel huma meħtieġa wkoll jirtiraw, jiġbru lura jew jinnotifikaw ikel li ma jkunx tajjeb kif spjegat fl-Artikolu 19 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel:

"1. Jekk operatur ta' negozju tal-ikel iqis jew ikollu raġuni għaliex jaħseb li ikel li jkun ġie importat, prodott, ipproċessat, manifatturat jew imqassam ma jkunx konformi mal-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-ikel, għandu minnufih jibda proċeduri biex jirtira l-ikel inkwistjoni mis-suq fejn l-ikel ikun ħalla l-kontroll immedjat ta' dak l-operatur inizjali tan-negozju u javża lill-awtoritajiet kompetenti b'dan. Jekk il-prodott jista' jkun li wasal għand il-konsumatur, l-operatur għandu effettivament u eżattament javża lill-konsumaturi bir-raġuni tal-irtirar tiegħu, u fejn meħtieġ, jiġbor lura mingħand il-konsumaturi l-prodotti diġà pprovduti lilhom fejn miżuri oħra ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.

2. Operatur ta' negozju responsabbli għal attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut u tqassim li ma jaffettwax l-ippakkeġġjar, tikkettjar, sigurtà jew integrità tal-ikel għandu, fil-limiti tal-attivitajiet rispettivi tiegħu, jibda proċeduri biex jirtira mis-suq il-prodotti li ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-ikel u għandu jieħu sehem fil-kontribuzzjoni lejn is-sigurtà tal-ikel billi jgħaddi t-tagħrif relevanti meħtieġ biex jiġi rintraċċat l-ikel, waqt li jikkoopera fl-azzjoni meħuda mill-produtturi, proċessaturi, manifatturi u/jew awtoritajiet kompetenti.

3. Operatur ta' negozju tal-ikel għandu minnufih javża lill-awtoritajiet kompetenti jekk iqis jew ikollu raġuni għaliex jaħseb li ikel li jkun tqiegħed fis-suq jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem. L-operaturi għandhom javżaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-azzjoni meħuda biex jevitaw riskji għall-konsumatur finali u m'għandhomx jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lil xi persuna milli tikkoopera, skont il-liġi nazzjonali u l-prattika legali, mal-awtoritajiet kompetenti, fejn dan jista' jipprevjeni, inaqqas jew jelimina xi riskju li jinħoloq minn dak l-ikel. […]".

3.1. Attivitajiet ta' ridistribuzzjoni u organizzazzjonijiet karitatevoli

In-natura tal-attività ta' organizzazzjoni kif ukoll il-mudell operattiv tagħha se jiddetermina r-regoli speċifiċi li japplikaw skont il-qafas regolatorju tal-UE għas-sikurezza tal-ikel u l-informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi. B'mod partikolari, kemm jekk organizzazzjoni tirridistribwixxi ikel lil organizzazzjoni oħra (jiġifieri "minn negozju għal negozju") jew direttament lill-benefiċjarju aħħari ("min-negozju għall-konsumatur") kif ukoll it-tip ta' attività li twettaq (eż. donazzjoni ta' ikel li joriġina mill-annimali, preparazzjoni ta' ikliet) jistgħu jwasslu għal rekwiżiti differenti f'termini ta' traċċabbiltà, iġjene tal-ikel u informazzjoni dwar l-ikel.

(1) L-Artikoli 14(1) u 14(2) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.
(2) Guidance on the implementation of Articles 11, 12, 14, 17, 18, 19 and 20 of Regulation (KE) Nru 178/2002 on General Food Law (Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 11, 12, 14, 17, 18, 19 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel). Konklużjonijiet tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/gfl_req_guidance_rev_8_en.pdf
(3) L-Artikolu 18 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

Huwa għaldaqstant importanti li jitqies, fuq bażi ta' każ b'każ, it-tip ta' attività mwettqa mill-organizzazzjonijiet impenjati fir-ridistribuzzjoni tal-ikel peress li jista' jkun hemm differenzi bejn ir-regoli applikabbli u l-obbligi relatati.

Peress li l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u karitatevoli huma essenzjalment relatati mad-distribuzzjoni tal-ikel, dawn jistgħu jitqiesu, skont il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, bħala operaturi ta' negozju tal-ikel impenjati f'attività ta' "bejgħ bl-imnut".

— "bejjiegħ bl-imnut" [1] tfisser l-immaniġġjar u/jew l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu fil-punt tal-bejgħ jew twassil lill-konsumatur finali, u tinkludi stazzjonijiet ta' distribuzzjoni, operazzjonijiet ta' catering, canteens ta' fabbriki, catering istituzzjonali, u operazzjonijiet simili ta' servizzi tal-ikel, ħwienet, ċentri ta' tqassim ta' supermarkets u ħwienet li jbigħu bl-ingrossa.

Skont ir-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel, l-OR u l-OK huma meqjusa essenzjalment bħala "bejjiegħa bl-imnut" jew ċentri ta' distribuzzjoni, b'attivitajiet limitati għall-ħżin u t-trasport. L-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel, inklużi miżuri speċifiċi relatati mal-ikel li joriġina mill-annimali hija spjegata ulterjorment fit-taqsima 5.

Skont ir-regoli tal-UE dwar it-tikkettar tal-ikel, l-OR u l-OK li jippreparaw ikel li huwa lest għall-konsum mill-konsumaturi finali jistgħu jitqiesu bħala "caterers tal-massa". L-implikazzjonijiet ta' dan l-istatus għall-obbligi relatati mal-informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi huma mogħtija fid-dettall fil-Kapitolu 6.

— "caterers tal-massa" [2] tfisser kull stabbiliment (inklużi vettura jew stall fiss jew mobbli), bħal ristoranti, kantins, skejjel, sptarijiet u impriżi tal-catering li fih, waqt in-negozju, jiġi mħejji l-ikel biex ikun lest għall-konsum mill-konsumatur aħħari.

3.1.1. *L-għażla ta' ikel żejjed għar-ridistribuzzjoni*

L-ikel m'għandux jitqiegħed fis-suq jekk ma jkunx tajjeb. Xi Stati Membri u partijiet ikkonċernati talbu kjarifika fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' prodotti li huma magħmula minn unitajiet multipli, li xi wħud minnhom jistgħu ma jkunux tajbin għall-konsum mill-bniedem. Dawn jistgħu jinkludu pereżempju: basket laring fejn waħda mil-laring tkun immuffata; pakkett multiplu ta' jogurts fejn wieħed jista' jkollu l-għatu mqatta'; jew kaxxa bajd fejn waħda tista' tkun miksura. Ir-regoli tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel ma tipprojbixxix lil operatur ta' negozju tal-ikel milli jagħżel tali ikel bil-ħsieb tar-ridistribuzzjoni tiegħu. B'mod partikolari, l-Artikolu 14(6) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel jipprevedi dan li ġej:

"— Fejn xi ikel li ma jkunx tajjeb ikun parti minn grupp, lott jew kunsinna tal-ikel tal-istess klassi jew deskrizzjoni, għandu jiġi preżunt li l-ikel kollu f'dak il-grupp, lott jew kunsinna huwa wkoll mhux tajjeb, sakemm wara li ssir stima dettaljata ma jkun hemm ebda xhieda li l-bqija tal-grupp, lott jew kunsinna ma tkunx tajba".

Għaldaqstant, tali operazzjonijiet bħall-ftuħ ta' xibka laring biex jiġi sseparat il-frott imħassar minn dak li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem — kemm jekk dan isir mid-donatur (eż. bejjiegħ bl-imnut) jew mir-riċevitur (eż. OR/OK) — huma possibbli sakemm, wara valutazzjoni dettaljata, ikun jista' jiġi żgurat li l-ikel li huwa rridistribwit ikun tajjeb għall-ikel.

Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni dettaljata, l-operatur ta' negozju tal-ikel jista' jiġi ggwidat mill-kunsiderazzjonijiet meta jiddetermina jekk l-ikel huwiex ħażin għall-konsum mill-bniedem, kif spjegat fil-gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel [3]. Tali valutazzjoni tista' tqis firxa ta' fatturi bħal: it-tip ta' prodott (eż. ikel li jmur malajr/li ma jmurx malajr); kompożizzjoni tal-prodott (*eż.* artab ħafna/ftit); tip/livell ta' pproċessar; kunsiderazzjonijiet viżivi u organolettiċi; integrità tal-imballaġġ u tal-unitajiet individwali; żmien kemm idum tajjeb il-prodott; kundizzjonijiet ta' mmaniġġjar, ħżin u trasport; struzzjonijiet għall-użu (jekk/fejn applikabbli), eċċ.

3.2. **It-traċċabbiltà**

L-iżgurar tat-traċċabbiltà tal-prodotti tal-ikel fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni huwa wieħed mill-obbligi ewlenin imposti fuq l-operaturi ta' negozju tal-ikel skont il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn kwalunkwe riskju assoċjat mal-katina tal-ikel u hekk tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel. Meta jkun ġie identifikat riskju li jirrikjedi t-tneħħija ta' ikel mis-suq, is-sistemi ta' traċċabbiltà jiżguraw li dan il-proċess jista' jiġi ġestit fil-pront u b'mod effettiv.

(1) L-Artikolu 3(7) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.
(2) L-Artikolu 2(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.
(3) Guidance on the implementation of Articles 11, 12, 14, 17, 18, 19 and 20 of Regulation (KE) Nru 178/2002 on General Food Law.

Id-donaturi tal-ikel, li huma stess ikunu operaturi ta' negozju tal-ikel, huma meħtieġa jistabbilixxu sistema ta' traċċabbiltà kemm jekk dan l-ikel jitqiegħed fis-suq għall-iskop ta' bejgħ jew jekk isir disponibbli mingħajr ħlas għall-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u/jew karitatevoli. Kif spjegat fit-taqsima 2.2, il-persuni privati li jipprovdu ikel fuq bażi *ad hoc* f'avvenimenti komunitarji jew karitatevoli oħra u organizzazzjonijiet karitatevoli li kultant jirċievu ikel mingħand donaturi privati huma esklużi minn obbligi relatati mat-traċċabbiltà.

Ir-riċevituri ta' ikel żejjed, jiġifieri organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u karitatevoli, bħall-operaturi kollha ta' negozju tal-ikel, iridu jimplimentaw ukoll miżuri ta' traċċabbiltà meħtieġa għall-iżgurar tas-sikurezza tal-katina tal-provvista tal-ikel. Fil-livell tal-UE ġew stabbiliti wkoll regoli speċifiċi għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]) kif ukoll għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta ([2]) sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba tar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà għal dawn il-prodotti tal-ikel fid-dawl tal-esperjenza fil-passat fl-immaniġġjar ta' kriżijiet ta' sikurezza tal-ikel. Informazzjoni addizzjonali dwar kif għandhom jiġu implimentati r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà fil-prattika hija pprovduta wkoll fid-dokument ta' gwida biex tappoġġa lill-atturi kollha fl-issodisfar tal-obbligi relatati mal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel ([3]).

Pereżempju, din il-gwida tispeċifika li mill-inqas l-informazzjoni li ġejja għandha tinżamm sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18:

— l-isem u l-indirizz tal-fornitur, u identifikazzjoni tal-prodotti pprovduti;

— l-isem u l-indirizz tal-konsumatur, u identifikazzjoni tal-prodotti kkunsinnati;

— id-data u, fejn ikun meħtieġ, il-ħin tat-tranżazzjoni/tal-kunsinna;

— il-volum, fejn xieraq, jew il-kwantità.

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien minimu għaż-żamma ta' rekords, il-gwida tispeċifika li perjodu ta' 5 snin mid-data tal-manifattura jew il-kunsinna x'aktarx li jissodisfa l-objettivi tar-Regolament.

Peress li r-ridistribuzzjoni tal-ikel isseħħ fi tmiem il-katina tal-valur tal-ikel u l-ikel normalment ma jiġix maħżun għal xi żmien partikolarment twil mill-OR u l-OK, il-Kummissjoni tqis li perjodu ta' żmien indikattiv għaż-żamma ta' rekords ta' 2 sa 5 snin ikun xieraq. L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw ulterjorment tali perjodi ta' żmien fir-regoli nazzjonali u/jew fi gwida; inkluż, pereżempju, l-adattament possibbli tal-perjodi ta' żmien meħtieġa għaż-żamma ta' rekords skont in-natura tal-attività kkonċernata (eż. jistgħu jkunu meħtieġa perjodi ta' żmien iqsar għar-ristoranti soċjali).

Il-Kummissjoni Ewropea, fl-2004, iċċarat l-obbligi ta' traċċabbiltà fil-kuntest tar-ridistribuzzjoni tal-ikel ([4]). B'mod ġenerali, l-operaturi kollha tal-katina tal-ikel huma meħtieġa jirreġistraw il-fornituri tal-prodotti li jirċievu (pass lura) u r-riċevituri tal-prodotti (pass 'il quddiem). Madankollu, fil-każ tad-distribuzzjoni tal-ikel lill-konsumatur finali, mhux meħtieġ li jiġu rreġistrati r-riċevituri.

L-iżgurar tat-traċċabbiltà "pass 'il quddiem" għall-attivitajiet ta' ridistribuzzjoni jista' għaldaqstant ikun obbligu ġdid għal ċerti operaturi ta' negozju tal-ikel, pereżempju mis-setturi tal-bejgħ bl-imnut u tal-forniment tal-ikel, li normalment jipprovdu ikel biss lill-konsumatur finali. Meta tali operaturi ta' negozju tal-ikel jirridistribwixxu ikel lil OR jew OK, dawn se jeħtieġu li jiżguraw ukoll it-traċċabbiltà mhux biss tal-prodotti li jirċievu iżda wkoll dawk li jikkunsinnaw (jiġifieri "pass 'il quddiem").

L-obbligi tal-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u l-organizzazzjonijiet karitatevoli huma differenti fir-rigward tat-traċċabbiltà. Filwaqt li l-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni jridu jżommu rekord kemm tal-fornituri tal-prodotti (dawn huma l-fornituri tal-prodotti li jirċievu) kif ukoll tal-organizzazzjonijiet li lilhom jirridistribwixxu l-ikel, l-organizzazzjonijiet karitatevoli li jikkunsinnaw l-ikel lill-konsumatur finali jeħtieġu biss li jżommu rekord tal-fornituri tal-ikel li jirċievu.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 16).

([3]) Guidance on the implementation of Articles 11, 12, 14, 17, 18, 19 and 20 of Regulation (KE) Nru 178/2002 on General Food Law.

([4]) E-2704/04.

Fil-każ tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, regoli ġenerali tat-traċċabbiltà jridu jiġu kkomplementati mir-regoli speċifiċi tat-traċċabbiltà stabbiliti fl-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]) li jistabbilixxi sistema ta' kontroll tal-Unjoni għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Minbarra l-obbligi stabbiliti mir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà skont il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, dan ifisser li l-operaturi fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni (inklużi l-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u l-organizzazzjonijiet karitatevoli) għandu jkollhom l-informazzjoni speċifika meħtieġa għall-intraċċar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u li għandu jkun possibbli li dawk il-prodotti jiġu ntraċċati lura għall-istadju tal-qbid jew il-ħsad.

Xi Stati Membri jipprovdu wkoll gwida addizzjonali biex jgħinu lill-atturi jissodisfaw l-obbligi ta' traċċabbiltà fir-rigward tar-ridistribuzzjoni tal-ikel.

4. DETERMINAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ PRIMARJA U TAR-RESPONSABBILTÀ META JQUMU KWISTJONIJIET TA' SIKUREZZA TAL-IKEL

4.1. Il-kuntest ġuridiku

Ir-responsabbiltà primarja u r-responsabbiltà legali

Ir-responsabbiltà primarja tal-operaturi ta' negozju tal-ikel li jiżguraw konformità mal-liġi (kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali) dwar l-ikel (mhux il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel biss iżda wkoll leġiżlazzjoni oħra dwar l-ikel), stabbilita fl-Artikolu 17 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, tikkonċerna l-attivitajiet taħt il-kontroll tagħhom u hija applikabbli matul il-katina tal-provvista tal-ikel. L-Istati Membri huma għaldaqstant ipprojbiti milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet legali fil-livell nazzjonali li jeżentaw lil xi operatur ta' negozju tal-ikel minn dan l-obbligu.

Ir-rekwiżit tar-responsabbiltà primarja m'għandux l-effett li jiġi introdott reġim tal-Unjoni li jirregola l-allokazzjoni tar-responsabbiltà bejn l-atturi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel. Id-determinazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkustanzi li jistgħu jirrendu operatur suxxettibbli għal penali kriminali u/jew responsabbiltà ċivili hija kwistjoni kumplessa li tiddependi ħafna mill-istruttura tas-sistemi legali differenti u li taqa', fil-prinċipju, fi ħdan il-kompetenza nazzjonali.

Għalkemm ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 17(1) huwa direttament applikabbli, ir-responsabbiltà tal-operaturi ta' negozju tal-ikel għandha tirriżulta fil-prattika mill-ksur ta' rekwiżit speċifiku tal-liġi dwar l-ikel u mir-regoli għar-responsabbiltà ċivili jew kriminali li jistgħu jinstabu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru. Il-proċedimenti dwar ir-responsabbiltà mhumiex se jkunu bbażati fuq l-Artikolu 17 iżda fuq bażi ġuridika li trid tinstab fil-leġiżlazzjoni speċifika miksura fil-livell nazzjonali. Minkejja dan, meta prodott jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti legali, ir-responsabbiltà ta' kull attur fil-katina tal-provvista tal-ikel għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' jekk dan issodisfax ir-responsabbiltajiet tiegħu skont il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

Ir-responsabbiltà tal-produttur għall-prodotti tal-ikel difettużi (id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE ([2]))

L-Artikolu 21 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tiegħu:

"— […] għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għal prodotti difettużi".

Dik id-Direttiva stabbilixxiet fil-livell tal-UE l-prinċipju li f'każ ta' ħsara kkawżata mid-difett ta' (xi) prodott (minbarra prodotti agrikoli primarji), il-produttur għandu jkun responsabbli. Il-produttur huwa ddefinit bħala li huwa l-manifattur, iżda wkoll bħala "kull persuna li, billi tqiegħed isimha, il-marka tan-negozju tagħha jew fattur distintiv ieħor fuq il-prodott tippreżenta lilha stess bħala l-produttur tiegħu".

Fir-rigward tal-prodotti tal-ikel difettużi, id-Direttiva 85/374/KEE tapplika sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħha ma jikkontradixxux il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, b'mod speċjali fir-rigward tar-responsabbiltà primarja tal-operaturi ta' negozju tal-ikel li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti kollha tal-liġi dwar l-ikel stabbiliti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali għall-operazzjoni taħt il-kontroll tagħhom. Kif iddikjarat hawn fuq, meta prodott jinstab li jkun difettuż, il-valutazzjoni tar-responsabbiltà għandha tqis jekk il-produttur ikunx issodisfa kif xieraq ir-responsabbiltajiet speċifiċi tiegħu skont il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Kif jiġu ddeterminati r-responsabbiltajiet meta jqumu kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ikel?

Fil-każ ta' tħassib dwar is-sikurezza tal-ikel (pereżempju velenar bl-ikel), l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika se jinvestigaw il-katina sħiħa tal-provvista tal-ikel sabiex jidentifikaw l-oriġini u l-kawża tal-problema. Jista' jiġri li l-problema tas-sikurezza tal-ikel tkun instabet minn negozju tal-ikel, li għandu jieħu azzjoni biex jirtira, jiġbor lura jew jinnotifika ikel li ma jkunx tajjeb (ara wkoll t-Taqsima 3).

Id-determinazzjoni tar-responsabbiltà ta' operatur(i) partikolari ta' negozju tal-ikel tirrikjedi identifikazzjoni tal-kawża tal-problema u l-operazzjoni/l-attività, li matulha seħħ l-inċident fuq bażi ta' każ b'każ, eż.:

— l-ivvelenar bl-ikel irriżulta minn pastorizzazzjoni insuffiċjenti (rwol tal-manifattur tal-ikel);

— il-katina tal-kesħa nkisret matul it-trasport tal-ikel mill-fornitur sal-bejjiegħ bl-imnut (rwol tal-fornitur tal-loġistika);

— l-ikel ma kienx maħżun kif xieraq fil-livell tal-bejgħ bl-imnut qabel id-donazzjoni (rwol tal-bejjiegħ bl-imnut);

— l-ikel kien iddistribwit minn organizzazzjoni karitatevoli wara d-data "uża sa" (rwol tal-organizzazzjoni karitatevoli), eċċ.

Għal darb'oħra, għandu jiġi nnotat li d-determinazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkustanzi li jistgħu jirrendu operatur suxxettibbli għal penali kriminali u/jew responsabbiltà ċivili hija kwistjoni li tiddependi ħafna mill-istruttura tas-sistemi legali nazzjonali differenti. Informazzjoni ulterjuri li tikkonċerna t-tifsira u l-impatt tal-Artikolu 17.1 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel fir-rigward tal-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-katina agroalimentari tista' tinsab fil-gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel [1].

4.2. **L-implikazzjonijiet għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed**

It-tħassib dwar ir-responsabbiltà potenzjali jista' jkun ta' ostaklu li jirrestrinġi lill-manifatturi u lill-bejjiegħa bl-imnut tal-ikel milli jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet ta' ridistribuzzjoni tal-ikel. Minbarra t-tħassib legali, l-operaturi ta' negozju tal-ikel jista' jkollhom tħassib ukoll dwar il-ħsara potenzjali lir-reputazzjoni korporattiva/tal-marka fil-każ ta' inċident ta' sikurezza tal-ikel marbut mar-ridistribuzzjoni tal-ikel.

Għandu jiġi enfasizzat li r-rekwiżit ta' responsabbiltà primarja japplika għall-operaturi kollha ta' negozju tal-ikel irrispettivament minn jekk il-prodotti tal-ikel ikunux mibjugħa jew mogħtija b'donazzjoni. L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jibqa' japplika bl-istess mod. L-unika differenza hija li jiżdied pass ieħor fil-katina tad-distribuzzjoni (jiġifieri l-organizzazzjoni ta' ridistribuzzjoni u/jew karitatevoli) li, bħal operaturi oħra ta' negozju tal-ikel, se tkun responsabbli għall-operazzjoni taħt il-qasam ta' kontroll rispettiv tagħha.

Filwaqt li l-kunċett ta' "responsabbiltà primarja" stabbilit fil-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel japplika dejjem għal kull attur involut fir-ridistribuzzjoni tal-ikel għall-attivitajiet taħt il-kontroll tiegħu, id-determinazzjoni ta' "min għandu jitqies responsabbli għal xiex", pereżempju fil-każ ta' inċident ta' sikurezza tal-ikel, hija kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali. F'ċerti Stati Membri [2], huma stabbiliti ftehimiet ta' sħubija formali li jiddokumentaw it-trasferiment tas-sjieda tal-prodotti kkonċernati bejn id-donaturi u r-riċevituri kif ukoll ir-rwol u r-responsabbiltajiet rispettivi ta' dawn l-atturi fl-iżgurar tas-sikurezza, it-traċċabbiltà u l-informazzjoni lill-konsumaturi matul il-katina tar-ridistribuzzjoni tal-ikel.

5. **IR-REGOLAMENTI DWAR L-IĠJENE U R-RIDISTRIBUZZJONI TA' IKEL ŻEJJED**

Il-konsumaturi kollha jridu jkunu protetti bl-istess mod mill-istess standards tas-sikurezza tal-ikel, kemm jekk l-ikel ikun ikkummerċjalizzat direttament lill-konsumaturi jew jekk ikun irridistribwit lil dawk fil-bżonn minn organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u organizzazzjonijiet karitatevoli oħra. Sabiex jiġi żgurat dan il-prinċipju, ir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed, inklużi l-kunsinna u l-immaniġġjar tal-ikel kif ukoll l-ipproċessar ulterjuri u l-preparazzjoni tal-ikel possibbli (pereżempju f'ristoranti soċjali) trid tikkonforma mar-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel li huma applikabbli għall-operaturi kollha ta' negozju tal-ikel. L-istandards tal-iġjene tal-ikel li jrid ikun hemm konformità magħhom għal attivitajiet kummerċjali, japplikaw ukoll għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u karitatevoli.

---

(1) Guidance on the implementation of Articles 11, 12, 14, 17, 18, 19 and 20 of Regulation (KE) Nru 178/2002 on General Food Law.

(2) eż. Franza — Mudell ta' ftehim reċiproku għad-donazzjoni tal-ikel bejn kumpanija tal-bejgħ bl-imnut u assoċjazzjoni tal-għajnuna għall-ikel awtorizzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu L. 230-6 tal-kodiċi rurali u tas-sajd marittimu (Convention de dons de denrées alimentaires entre un commerce de détail alimentaire et une association d'aide alimentaire habilitée en application de l'article L. 230-6 du code rural et de la pêche maritime) (ara: http://agriculture.gouv.fr/don-alimentaire-un-modele-de-convention-entre-distributeurs-et-associations).

Sabiex jiġu protetti l-konsumaturi u tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel, l-ikel li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel u li jkun tajjeb għall-konsum mill-bniedem biss għandu jitqiegħed fis-suq, inkluż dak li jingħata b'donazzjoni lil organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ għal distribuzzjoni lil dawk fil-bżonn. Bħall-operaturi ta' negozju tal-ikel, l-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u l-organiżmi tal-karità jridu jikkonformaw mal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel u mar-regoli tal-UE relatati mal-iġjene tal-ikel (l-hekk imsejħa l-"pakkett tal-iġjene" ([1]) magħmul mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 li fih rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u, meta applikabbli, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li fih rekwiżiti speċifiċi addizzjonali tal-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali).

5.1. Ir-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene applikabbli għall-attivitajiet kollha ta' donazzjoni tal-ikel

L-objettiv ċentrali tar-regoli dwar l-iġjene tal-ikel — li tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-oġġetti tal-ikel (u għaldaqstant li jiġi evitat it-tħsir minħabba tkabbir batterjali) sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem — jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel. Ir-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel huma ġenerali ħafna u joffru grad wiesa' ta' flessibbiltà biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' tipi differenti ta' stabbilimenti (eż. ristoranti). Din il-flessibbiltà hija spjegata fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi għall-immaniġġjar tas-sikurezza tal-ikel li jkopru l-programmi prerekwiżiti (PRPs) u l-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, inkluż il-faċilitazzjoni/il-flessibbiltà tal-implimentazzjoni f'ċerti negozji tal-ikel ([3]).

Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel japplika għall-istabbilimenti kollha tal-ikel.

L-aktar rekwiżiti rilevanti relatati mar-ridistribuzzjoni tal-ikel huma:

— ir-reġistrazzjoni tal-istabbiliment lill-awtoritajiet kompetenti (li tista' tkun proċedura ta' notifika sempliċi lill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar l-attivitajiet tiegħu jew bidla sinifikanti fl-attivitajiet);

— l-applikazzjoni ta' prattiki ta' iġjene tajba stabbiliti fl-Anness II għal dak ir-Regolament;

— l-implimentazzjoni ta' proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP.

Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 ma jistabbilixxix regoli dettaljati ħafna iżda rekwiżiti ġenerali (pereżempju biex tiġi evitata kontaminazzjoni tal-ikel) li jridu jiġu rispettati mill-atturi kollha.

Dawn ir-regoli dwar l-iġjene tal-ikel, li jipprovdu flessibbiltà kbira f'kif dawn jiġu implimentati, huma l-uniċi applikabbli għal:

— bejjiegħa bl-imnut li jaħżnu jew jittrasportaw biss ikel li mhux soġġett għal kundizzjonijiet tat-temperatura bħal tkessiħ jew iffriżar (eżempji ta' tali ikel huma l-għaġin, l-ikel fil-landa, iz-zokkor, id-dqiq, eċċ.);

— bejjiegħa bl-imnut li jipprovdu ikel direttament lill-konsumaturi finali (inklużi fornituri tal-ikel skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(7) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel);

— atturi involuti fl-ipproċessar ta' ikel biss li ma joriġinax mill-annimali (eż. frott, ħaxix, ġewż) għal ridistribuzzjoni ulterjuri.

5.2. Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-iġjene applikabbli għar-ridistribuzzjoni ta' ikel li joriġina mill-annimali

Għandhom jiġu applikati regoli speċifiċi addizzjonali dwar l-iġjene tal-ikel, previsti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004, meta l-bejjiegħa bl-imnut u l-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni jikkunsinnaw ikel li joriġina mill-annimali lil stabbilimenti oħra. L-ikel li joriġina mill-annimali jinkludi laħam, prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, prodotti tal-ħalib (eż. ġobnijiet), bajd u prodotti tal-bajd, eċċ. Fil-prinċipju, il-bejjiegħa bl-imnut li jixtiequ jikkunsinnaw ikel li joriġina mill-annimali lil organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni jew organiżmi tal-karità jeħtieġ li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 flimkien mar-rekwiżiti u l-piż amministrattivi relatati inkluża l-approvazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali qabel tibda l-attività.

([1]) http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/hygienelegislation/com_.rules_en.htm
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).
([3]) ĠU C 278, 30.7.2016, p. 1.

Deroga mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tapplika jekk, fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, il-provvista ta' ikel li joriġina mill-annimali:

— tkun marġinali, ristretta u lokali, jew

— tkun limitata għat-trasport u l-ħżin (madankollu l-kundizzjonijiet tat-temperatura stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplikaw f'dan il-każ).

Eżenzjonijiet huma applikabbli wkoll għall-hekk imsejħa prodotti komposti ([1]) jiġifieri ikel li jkun fih kemm prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali kif ukoll prodotti li ma joriġinawx mill-annimali. Dawn jinkludu varjetà wiesgħa ta' prodotti differenti ħafna (eż. pizez bil-perżut, żebbuġ mimli bil-ġobon, ħobż u kejkijiet bil-butir, għaġin bi prodotti tal-bajd, eċċ.). Dawn huma esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli addizzjonali dwar l-iġjene tal-ikel li japplikaw għar-ridistribuzzjoni ta' ikel li joriġina mill-annimali. Madankollu, il-prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali li jintużaw bħala ingredjenti għall-preparazzjoni ta' tali ikel għandhom jinkisbu u jiġu mmaniġġjati f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Regoli nazzjonali addizzjonali jistgħu japplikaw fir-rigward tal-provvista mill-bejjiegħa bl-imnut ta' ikel li joriġina mill-annimali mogħti tali derogi.

Jista' jiġri li operatur li normalment jipprovdi ikel biss lil konsumaturi finali — bħal pereżempju ħanut tal-laħam jew supermarkit (li r-Regolament (KE) Nru 853/2004 mhux applikabbli għalihom) — irid jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha f'dak ir-Regolament meta jagħti b'donazzjoni ċertu ikel (li joriġina mill-annimali) lil stabbiliment ieħor, kemm jekk ikun organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni jew ikun ristorant soċjali. Hija n-natura minn negozju għal negozju tal-operazzjoni li tixkatta l-ħtieġa għall-bejjiegħ bl-imnut li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mir-regoli fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jekk dawn id-donazzjonijiet ikunu attività "marġinali, lokalizzata u ristretta". Dawn il-kunċetti huma spjegati ulterjorment fit-taqsima 3.6 tad-"Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 dwar l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-annimali". Fil-qosor, "marġinali" trid tinftiehem bħala parti żgħira mill-attivitajiet, "ristretta" tirreferi għal-limitazzjoni tal-attività għal ċerti prodotti u "lokalizzata" għall-qrubija immedjata tal-fornitur. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu ulterjorment dawn il-kunċetti fil-miżuri nazzjonali soġġetti għal notifika ([2]) lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra.

Fl-Anness 2 hemm ipprovduta siġra tad-deċiżjonijiet sabiex tiffaċilita l-valutazzjoni mid-donaturi u r-riċevituri tal-ikel tal-ħtieġa għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

5.3. Ir-rekwiżiti tal-iġjene applikabbli għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed mis-setturi tal-ospitalità, tal-forniment tal-ikel u tas-servizz tal-ikel

Filwaqt li r-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed mis-setturi tal-ospitalità u tal-forniment tal-ikel hija aktar limitata għal raġunijiet ta' iġjene, huwa possibbli għall-operaturi ta' negozju tal-ikel li jidentifikaw u jivvalutaw opportunitajiet possibbli biex jagħmlu dan fuq bażi ta' każ b'każ. Il-kapaċità li tiġi żgurata ridistribuzzjoni sikura ta' ikel żejjed se tvarja skont fatturi bħal: it-tip ta' ikel/ikliet prodotti; in-natura tal-istabbiliment; id-disponibbiltà tal-organizzazzjonijiet riċeventi; l-aċċess għal fornitur tal-loġistika li jista' jiżgura trasport sikur tal-ikel żejjed disponibbli, eċċ.

Sabiex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, huwa importanti li l-operaturi tal-forniment tal-ikel jipprevjenu kemm jista' jkun il-produzzjoni ta' ikel żejjed u jimmonitorjaw bir-reqqa l-kwantitajiet ta' ikel magħmula disponibbli, pereżempju f'buffet, fi kwalunkwe mument partikolari. Filwaqt li r-regoli jistgħu jkunu differenti fl-Istati Membri, ċerti awtoritajiet nazzjonali se jawtorizzaw ir-ridistribuzzjoni ta' ċertu ikel magħmul disponibbli lill-konsumaturi, pereżempju, ikel ippakkjat bil-lest, li jibqa' tajjeb fil-ħażna (eż. kondimenti, krakers, gallettini, eċċ.) sakemm il-prodotti ma jkunux miftuħa u l-imballaġġ ma tkunx saritlu ħsara.

Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ma jipprojbixxix, bħala tali, it-tkessiħ ta' ikliet fi tmiem is-servizz sabiex tiġi ffaċilitata d-donazzjoni tal-ikel mis-settur tas-servizz tal-ikel/tal-ospitalità.

([1]) L-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE. (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9).

([2]) Il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Sabiex tiġi ffaċilitata r-ridistribuzzjoni sikura ta' ikel żejjed, ċerti Stati Membri u organizzazzjonijiet settorjali stabbilixxew jew bħalissa qegħdin jiżviluppaw linji gwida speċifiċi relatati mad-donazzjoni tal-ikel mis-settur tal-forniment tal-ikel/tal-ospitalità ([1]).

5.4. L-iffriżar ta' ikel żejjed biex tiġi ffaċilitata r-ridistribuzzjoni

F'diskussjonijiet reċenti mal-Istati Membri rigward il-gwida meħtieġa fil-livell tal-UE biex tiġi ffaċilitata d-donazzjoni tal-ikel, l-esperti indikaw li l-prattika tal-iffriżar tal-ikel qabel id-data ta' skadenza tagħhom sabiex jiġi estiż iż-żmien ta' kemm idum tajjeb il-prodott u tiġi ffaċilitata r-ridistribuzzjoni sikura jkun jixirqilha kunsiderazzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE peress li l-ikel irċevut mill-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u l-organiżmi tal-karità mhux dejjem ikun jista' jingħata b'donazzjoni lill-konsumatur qabel id-data "uża sa". Madankollu, għal raġunijiet iġjeniċi, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jippreskrivi li l-ikel li joriġina mill-annimali destinat għall-friża għandu jiġi ffriżat mingħajr dewmien bla bżonn wara l-produzzjoni ([2]). Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-bejjiegħa bl-imnut li jfornu lil operaturi ta' negozju tal-ikel bħal banek tal-ikel sakemm tali attività tal-bejjiegħa bl-imnut tibqa' marġinali, lokalizzata u ristretta f'konformità mal-Artikolu 1(5)(b)(ii) tiegħu. L-Istati Membri li jagħtu l-possibbiltà tal-iffriżar ta' ikel li joriġina mill-annimali għal skopijiet ta' ridistribuzzjoni għandhom jadottaw miżuri nazzjonali kif xieraq u jinnotifikawhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

6. INFORMAZZJONI DWAR L-IKEL LILL-KONSUMATURI

6.1. Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali, ir-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li jirregolaw l-informazzjoni dwar l-ikel u b'mod partikolari t-tikkettar tal-ikel. Dan għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u l-interess tal-konsumaturi billi jipprovdi bażi għall-konsumaturi biex jagħmlu għażliet informati u jużu sikur mill-ikel. Fil-kuntest tar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed, dan huwa kritiku biex jiżgura li l-benefiċjarji aħħarin ikollhom aċċess għall-istess informazzjoni bħal dik li hija meħtieġa u pprovduta meta huma jixtru ikel fil-ħwienet.

Il-lista ta' dettalji obbligatorji li jridu jiġu inklużi fit-tikkettar tal-ikel hija speċifikata taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament inklużi *inter alia:* l-isem tal-ikel, il-lista ta' ingredjenti, id-data ta' kemm iservi l-inqas (jiġifieri "uża qabel") jew meta xieraq id-data "uża sa"; kwalunkwe kundizzjoni speċjali tal-ħżin u/jew kundizzjoni tal-użu; u dikjarazzjoni ta' nutrizzjoni. Informazzjoni obbligatorja oħra tista' tkun meħtieġa wkoll fid-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE inkluża leġiżlazzjoni settorjali (eż. ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali, regoli tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq bħar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, standards tal-kummerċjalizzazzjoni) jew f'leġiżlazzjoni nazzjonali.

Ir-responsabbiltajiet tal-operaturi ta' negozju tal-ikel

L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-operaturi ta' negozju tal-ikel fl-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi. Dan jiddikjara fost oħrajn li:

— l-operatur fin-negozju tal-ikel responsabbli għall-informazzjoni dwar l-ikel huwa l-operatur li taħt ismu jew taħt isem in-negozju tiegħu l-ikel jiġi kkummerċjalizzat jew l-importatur;

— l-operatur ta' negozju tal-ikel irid jiżgura l-preżenza tal-informazzjoni dwar l-ikel u li din tkun preċiża f'konformità mar-regoli tal-UE u kwalunkwe miżura rilevanti stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

— l-operaturi ta' negozju tal-ikel li ma jaffettwawx l-informazzjoni dwar l-ikel m'għandhomx ifornu ikel li jafu jew jippreżumu, abbażi tal-informazzjoni li għandhom bħala nies professjonali, li ma jikkonformax mar-regoli applikabbli dwar l-informazzjoni dwar l-ikel;

([1]) Ara "Guidelines for food donation" fuq: http://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/library_en

([2]) Laħam destinat għall-friża għandu jiġi ffriżat mingħajr dewmien bla bżonn wara l-produzzjoni [ir-Regolament (KE) Nru 853/2004]. Dan jeskludi l-possibbiltà tal-iffriżar ta' tali prodotti fi tmiem iż-żmien ta' kemm idum tajjeb il-prodott għal raġuni ta' iġjene u kwalità.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

([4]) Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

— l-operaturi ta' negozju tal-ikel, fin-negozji taħt il-kontroll tagħhom, m'għandhomx jimmodifikaw l-informazzjoni li jkun hemm ma' xi ikel jekk dik il-modifika tiżgwida lill-konsumatur jew inkella b'xi mod ieħor tnaqqas il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-possibbiltajiet għall-konsumatur finali li jagħmel għażliet informati. L-operaturi ta' negozju tal-ikel huma responsabbli għal kwalunkwe bidla li jagħmlu fl-informazzjoni li jkun hemm ma' xi ikel.

— l-operaturi ta' negozju tal-ikel, fin-negozju taħt il-kontroll tagħhom, għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-liġi tal-informazzjoni dwar l-ikel u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti għall-attivitajiet tagħhom u jridu jivverifikaw li jkunu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti.

Kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni obbligatorja?

Fil-każ ta' ikel ippakkjat bil-lest, l-Artikolu 12(2) jispeċifika li l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel trid tidher direttament fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu. F'ċerti każijiet, tali informazzjoni tista' tiġi ppreżentata wkoll f'dokumenti kummerċjali relatati mal-ikel, fejn jista' jkun garantit li tali dokumenti jew jiġu mal-ikel li jirreferu għalih jew ikunu ntbagħtu qabel jew fl-istess ħin tal-kunsinna. L-Artikolu 8(7) jispeċifika li l-għoti ta' informazzjoni permezz ta' dokumenti kummerċjali huwa possibbli f'każijiet fejn: l-ikel ippakkjat bil-lest ikun intiż għall-konsumatur finali iżda kkummerċjalizzat fi stadju qabel il-bejgħ lill-konsumatur finali jew fejn dan ikun intiż li jiġi fornut lill-fornituri tal-massa (biex jiġi ppreparat, ipproċessat, maqsum jew imqatta' ulterjorment).

Minbarra l-informazzjoni dwar l-ikel mogħtija f'dokumenti kummerċjali, l-indikazzjoni tad-dettalji li ġejjin trid tiġi inkluża wkoll fuq l-imballaġġ estern li fih jiġi ppreżentat l-ikel ippakkjat bil-lest għall-kummerċjalizzazzjoni, jiġifieri l-isem tal-ikel, id-data ta' kemm iservi l-inqas tad-data "uża sa", kwalunkwe kundizzjoni speċjali tal-ħżin u/jew kundizzjoni tal-użu, u l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-operatur ta' negozju tal-ikel responsabbli għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel (kif speċifikat skont l-Artikolu 8(1)).

Fil-każ ta' ikel li mhux ippakkjat bil-lest, l-Artikolu 44 jipprovdi kjarifika ulterjuri fir-rigward ta' liema informazzjoni trid tiġi pprovduta kif ukoll il-mezz li bih għandu jsir dan. Dan jiddikjara li fejn l-ikel ikun offrut għall-bejgħ lill-konsumatur finali jew lil fornituri tal-massa mingħajr ma jkun ippakkjat bil-lest, jew fejn l-ikel jiġi ppakkjat fuq il-post fejn jinbiegħ fuq talba tal-konsumatur jew ikun ippakkjat bil-lest għall-bejgħ dirett, il-forniment ta' dettalji speċifikati fl-Artikolu 9(1)(c) huwa mandatorju. Dan ifisser li l-konsumatur irid ikun informat bil-preżenza fl-ikel ta' kwalunkwe ingredjent jew aġenti tal-ipproċessar elenkati fl-Anness II għar-Regolament, jew li ġejjin minn sustanza jew prodott elenkati fl-Anness II li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi użati fil-manifattura jew il-preparazzjoni ta' ikel jew li jkunu għadhom preżenti fil-prodott lest, anki jekk f'forma mibdula.

L-Artikolu 44 jiddikjara wkoll li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali dwar il-mezz li bih l-informazzjoni dwar l-allerġeni (u kwalunkwe dettall obbligatorju ieħor stabbilit fir-regoli tal-UE li huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-ikel li mhux ippakkjat bil-lest) għandhom isiru disponibbli u, fejn ikun il-każ, il-forom ta' espressjoni u preżentazzjoni tagħhom. Pereżempju, ċerti Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni speċifika li tippermetti d-dendil ta' sinjali fi ħwienet li jispjegaw li l-persunal jista' jiġi kkuntattjat għal aktar informazzjoni dwar l-allerġeni.

Fil-każ speċifiku tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel li mhux ippakkjat bil-lest tista' tiġi pprovduta għall-bejgħ bl-imnut permezz ta' informazzjoni kummerċjali bħal billboards jew posters.

Minn negozju għal negozju vs min-negozju għall-konsumatur

L-operaturi ta' negozju tal-ikel li jfornu ikel lil operaturi oħra ta' negozju tal-ikel li mhuwiex maħsub għall-konsumatur finali jew għall-fornituri tal-massa, għandhom jiżguraw li dawk l-operaturi oħra ta' negozju tal-ikel jiġu pprovduti b'informazzjoni suffiċjenti li tippermettilhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-preżenza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar l-ikel (kif speċifikat skont l-Artikolu 8.2), pereżempju, billi tiġi inkluża tali informazzjoni f'dokumenti kummerċjali, jekk ma tkunx preżenti fuq l-ikel stess.

Fil-każ tal-informazzjoni speċifika lill-konsumatur li għandha tiġi pprovduta dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, it-trażmissjoni tagħha tiġi żgurata permezz ta' regoli tat-traċċabbiltà speċifiċi għas-settur, fejn applikabbli. Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura pproċessati u ppreparati (li jaqgħu taħt il-kodiċijiet 1604 u 1605 tan-nomenklatura magħquda ([1])), tapplika r-regola ġenerali skont l-Artikolu 8.2 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

([1]) In-Nomenklatura Magħquda (https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/calculation-customs-duties/what-is-common-customs-tariff/combined-nomenclature_en).

6.2. **L-implikazzjonijiet għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed**

6.2.1. *Ir-rekwiżit ta' informazzjoni għall-ikel ippakkjat bil-lest*

Kemm jekk l-ikel jinxtara mill-konsumaturi jew jekk isir disponibbli mingħajr ħlas għall-benefiċjarji aħħarin permezz ta' għajnuna għall-ikel jew mekkaniżmi oħra ta' ridistribuzzjoni tal-ikel, l-informazzjoni dwar l-ikel trid tkun preżenti u tiġi pprovduta lill-benefiċjarju aħħari f'konformità mar-regoli tal-UE u nazzjonali rilevanti relatati mal-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi. Meta l-ikel mogħti b'donazzjoni jkollu tikkettar konformi mar-rekwiżiti legali kollha, l-obbligi li jikkonċernaw l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel jistgħu jiġu ssodisfati faċilment. Madankollu, meta jiġi ġġenerat ikel żejjed, pereżempju fil-livell tal-manifattura, minħabba tikkettar ħażin ta' prodotti u/jew żbalji fit-tikkettar li jipprojbixxu l-aċċess tal-prodott tal-ikel għall-kanali tal-bejgħ bl-imnut normali, ikun meħtieġ li ssir kjarifika addizzjonali u/jew jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarju aħħari jirċievi l-informazzjoni obbligatorja kollha meħtieġa.

Fir-rigward tal-ikel ippakkjat bil-lest magħmul disponibbli għall-konsumatur finali, ir-regoli tal-UE jeħtieġu li d-dettalji obbligatorji kollha għandhom jiġu pprovduti fuq l-imballaġġ jew tikketta mwaħħla miegħu. F'każijiet fejn l-ikel b'tikketta insuffiċjenti ma jkunx jista' jiġi ttikkettat mill-ġdid qabel ir-ridistribuzzjoni tiegħu, l-operatur ta' negozju tal-ikel responsabbli għall-informazzjoni dwar l-ikel (ara l-Artikolu 8(1)) irid jipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja lill-organizzazzjoni ta' ridistribuzzjoni u/jew lill-organizzazzjoni karitatevoli sabiex jiżgura li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jikkonċernaw l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-benefiċjarju aħħari. Ċerti Stati Membri pprovdew gwida sabiex jiżguraw li l-ikel tajjeb u li jittiekel li inkella jintrema jista' jiġi rridistribwit filwaqt li jiġi żgurat li l-benefiċjarju aħħari jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha li hija meħtieġa (ara l-Artikolu 9(1)), anki jekk tali informazzjoni ma tkunx ipprovduta direttament fuq it-tikketta. Madankollu, f'każijiet fejn l-iżball tat-tikkettar jista' jkollu implikazzjonijiet għas-saħħa pubblika (pereżempju, relatati mal-informazzjoni fuq il-preżenza ta' allerġeni), l-Istati Membri jistgħu mbagħad jeħtieġu li l-iżball jiġi kkoreġut fuq it-tikkettar tal-prodott ikkonċernat qabel ma jkun jista' jingħata b'donazzjoni.

6.2.2. *Ir-rekwiżiti tal-lingwa*

Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jeħtieġ li l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel trid tidher f'lingwa mifhuma faċilment mill-konsumaturi tal-Istati Membri fejn ikel qed jiġi kkummerċjalizzat [1]. Barra minn hekk, l-Istati Membri li fihom qed jiġi kkummerċjalizzat il-prodott jistgħu jeħtieġu l-użu ta' lingwa speċifika [2].

Fil-prattika din tkun il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-pajjiż fejn l-ikel jitqiegħed fis-suq. Madankollu, l-għoti ta' informazzjoni obbligatorja f'lingwa barranija li tinftiehem faċilment mill-konsumatur huwa possibbli. Hemm ħafna eżempji fejn it-termini jew l-espressjonijiet jistgħu jinftiehmu faċilment mill-konsumatur, minkejja li ma jkunux fil-lingwa tiegħu. F'tali każijiet, ir-rekwiżit li jinbidel it-tikkettar ikun jidher sproporzjonat.

Peress li t-tikkettar ta' prodotti tal-ikel f'lingwa barranija jista' joħloq ostaklu għar-ridistribuzzjoni ulterjuri tal-ikel, ċerti Stati Membri żviluppaw gwida f'dan ir-rigward.

6.2.3. *Ir-rekwiżit ta' informazzjoni għall-ikel li mhux ippakkjat bil-lest*

Huwa importanti li l-konsumaturi jirċievu l-informazzjoni neċessarja dwar l-ikel li jikkonsmaw anki meta dan ma jkunx ippakkjat bil-lest u meta l-ikel ikun ipproċessat, ippreparat u msajjar għal konsum ulterjuri minn servizz ta' forniment tal-ikel jew ristorant (soċjali). Kif spjegat fit-taqsima 6.1, f'tali każijiet, l-informazzjoni dwar l-ikel meħtieġa hija limitata għal dik relatata mal-preżenza ta' allerġeni u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra meħtieġa mir-regoli nazzjonali.

L-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jiddikjara wkoll li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali dwar il-mezz li bih l-informazzjoni dwar l-allerġeni (u informazzjoni obbligatorja possibbli oħra) għandhom isiru disponibbli u, fejn ikun il-każ, il-forom ta' espressjoni u preżentazzjoni tagħhom.

Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom il-kapaċità sħiħa li jipprovdu r-regoli neċessarji kollha fejn jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-allerġeni fl-ikel issir disponibbli għall-organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u karitatevoli u fl-aħħar mill-aħħar għall-konsumaturi b'mod konvenjenti u effiċjenti. Ħafna mill-Istati Membri diġà adottaw tali miżuri.

---

[1] L-Artikolu 15 tiegħu. Dan ir-rekwiżit mhuwiex ġdid; dan kien ġie stabbilit l-ewwel darba fl-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE (ĠU L 33, 8.2.1979, p. 1) dwar it-tikkettar tal-ikel.

[2] L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

6.3. **L-immarkar tad-data**

6.3.1. *Il-kuntest ġuridiku*

L-għan tal-immarkar tad-data fit-tikkettar tal-ikel huwa li jgħin lill-konsumaturi jagħmlu użu sikur u ottimali mill-ikel. Il-marka tad-data hija indikazzjoni li tiddikjara t-tul ta' żmien ta' kemm ikel jista' jdum maħżun f'kundizzjonijiet speċifiċi tal-ħżin. Il-parti ewlenija tal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-immarkar tad-data hija r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi.

Hemm żewġ tipi ta' mmarkar tad-data:

— id-data "uża qabel", li hija xierqa għall-maġġoranza tal-ikel u tindika d-data sa meta l-ikel jista' jkun mistenni raġonevolment li jżomm il-kundizzjoni ottimali tiegħu jekk jinħażen kif suppos.t Din hija relatata mal-kwalità tal-ikel. Hemm xi ikel li huwa eżentat mir-rekwiżit tad-data "uża qabel", pereżempju l-frott u l-ħaxix frisk, l-inbid, il-melħ, iz-zokkor, il-ħall, iċ-chewing gums;

— id-data "uża sa", hija meħtieġa għal ikel li, minn perspettiva mikrobijoloġika, imur malajr ħafna, u għalhekk, wara perjodu taż-żmien qasir, x'aktarx li jkun ta' periklu imminenti għal saħħet il-bniedem. Id-data "uża sa" hija relatata mas-sikurezza; wara l-iskadenza tad-data "uża sa", ikel ma jistax jitqiegħed fis-suq peress li jitqies li ma jkunx tajjeb.

Il-format li għandu jintuża fl-espressjoni tal-marki tad-data msemmija aktar 'il fuq huwa rregolat fl-Anness X għar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea pproduċiet fuljett [1] li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar it-tifsira ta' dawn iż-żewġ dati kif ukoll it-traduzzjoni tat-termini f'kull waħda mil-lingwi nazzjonali. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll infografika biex tgħin tiċċara t-tifsira ta' dawn il-kunċetti kif ukoll is-sejbiet reċenti dwar kif il-konsumaturi jifhmu dawn it-termini [2]. L-organizzazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati jwettqu wkoll kampanji tal-informazzjoni u jiżviluppaw għodod fir-rigward tal-immarkar tad-data sabiex jiġu pprovduti gwida lill-operaturi ta' negozju tal-ikel u parir lill-konsumaturi fl-immaniġġjar tagħhom tal-ikel [3].

6.3.2. *L-implikazzjonijiet għar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed*

L-istabbiliment tad-dati kemm "uża sa" kif ukoll "uża qabel" jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-manifatturi tal-ikel. Bl-eċċezzjoni tal-bajd tajjeb għall-ikel, il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tippreskrivix kif għandu jiġi stabbilit l-immarkar tad-data (jiġifieri jew l-għażla ta' "uża sa" jew "uża qabel" jew it-tul ta' kemm idum tajjeb il-prodott). Filwaqt li ikel li jittiekel wara d-data "uża sa" jista' joħloq tħassib dwar is-sikurezza, ikel wara d-data "uża qabel" ikun għadu tajjeb għall-konsum, bil-kundizzjoni li jiġu osservati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u li l-imballaġġ ma tkunx saritlu ħsara. Fir-rigward tad-dati "uża qabel", il-manifatturi jiggarantixxu l-kwalità tal-ikel (eż. it-tqarqiċ, il-kulur, it-togħma…) u l-konformità ma' kwalunkwe stqarrija magħmula fit-tikkettar (eż. stqarrijiet nutrizzjonali dwar il-livell tal-vitamina Ċ f'oġġett tal-ikel) sat-tmiem tad-data "uża qabel" biss.

Fir-rigward tad-donazzjoni tal-ikel ittikkettat bid-data "uża sa", id-donaturi tal-ikel għandhom jiżguraw li jkun hemm biżżejjed żmien disponibbli ta' kemm idum tajjeb il-prodott mal-kunsinna ta' tali prodotti lill-banek tal-ikel u organizzazzjonijiet karitatevoli oħra sabiex jippermettu d-distribuzzjoni u l-użu sikuri tiegħu mill-konsumatur finali qabel id-data "uża sa" indikata. Ċerti Stati Membri stabbilixxew regoli speċifiċi rigward l-ammont minimu ta' żmien ta' kemm idum tajjeb il-prodott li għandu jkun disponibbli meta l-prodotti tal-ikel jiġu pprovduti għal donazzjoni [4].

Il-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel wara d-data tad-durabbiltà minima (jiġifieri "uża qabel") hija permessa skont ir-regoli tal-UE, bil-kundizzjoni li l-ikel ikkonċernat ikun għadu tajjeb u l-preżentazzjoni tiegħu ma tkunx qarrieqa. Huwa permess, f'kull stadju fil-katina tal-provvista tal-ikel, li jitqiegħed ikel fis-suq li jkun qabeż id-data tad-durabbiltà minima. Hija r-responsabbiltà tal-operatur ta' negozju tal-ikel (eż. il-bejjiegħ bl-imnut) li jiżgura li l-ikel ikun għadu tajjeb għall-konsum mill-bniedem u li l-konsumaturi jkunu informati kif xieraq li l-prodott ikkonċernat ikun qabeż id-data "uża qabel" (pereżempju, tali prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati separatament b'sinjali li jindikaw li tkun għaddiet id-data tad-durabbiltà minima).

---

[1] https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/fw_lib_best_before_mt.pdf

[2] http://ec.europa.eu/food/safety/docs/fw_eu_actions_date_marking_infographic_en.pdf

[3] Id-Danimarka: "siġra tad-deċiżjonijiet" rigward l-immarkar tad-data http://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/fw_lib_da_mind-the-date_decision-tree.pdf

[4] Pereżempju, fi Franza, il-ftehim ta' mudell li jistabbilixxi arranġamenti għad-donazzjoni tal-ikel bejn organizzazzjonijiet tal-industrija u karitatevoli (iddefinit skont il-Liġi Nru 2016-138 tal-11 ta' Frar 2016), jeħtieġ li l-manifatturi u l-bejjiegħa bl-imnut tal-ikel jipprovdu ikel ittikkettat b'data "uża sa" li jkollu mill-inqas żmien disponibbli ta' kemm idum tajjeb il-prodott ta' 48 siegħa mal-kunsinna lil banek tal-ikel u organiżmi oħra tal-karità.

Ċerti Stati Membri jirrestrinġu jew saħansitra jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel li jkun qabeż id-data "uża qabel" u dan iwassal għall-ħela inevitabbli tal-ikel [1]. Tali prattiki, li jirrestrinġu l-irkupru u r-ridistribuzzjoni tal-ikel, jistgħu jkunu r-riżultat ta' nuqqas ta' ċarezza dwar kemm wara d-data "uża qabel" prodott tal-ikel partikolari jista' jsir disponibbli għall-konsumaturi u l-ħtieġa li jiġu rispettati r-rwol tal-operaturi ta' negozju tal-ikel li għandhom ir-responsabbiltà għall-istabbiliment tal-immarkar tad-data. Ċerti operaturi ta' negozju tal-ikel jista' jkollhom ukoll l-istandards interni tagħhom dwar kemm wara d-data "uża qabel" prodott jista' jiġi rridistribwit għall-konsum mill-bniedem, b'kunsiderazzjoni pereżempju tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità tiegħu.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-ridistribuzzjoni ta' ikel wara d-data "uża qabel", ċerti awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri ppprovdew gwida addizzjonali lill-atturi dwar l-oġġetti tal-ikel li jistgħu jintużaw/jiġu ddistribwiti minn banek tal-ikel u organiżmi oħra tal-karità wara d-data "uża qabel" kif ukoll żminijiet limitu indikattivi għal kull kategorija tal-ikel ikkonċernata [2]. L-awtoritajiet pubbliċi jenfasizzaw madankollu li tali linji gwida huma indikattivi biss u li d-distribuzzjoni possibbli tal-ikel wara data "uża qabel" trid tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ. Jekk hemm raġuni għaliex wieħed jemmen li ikel ma jibqax tajjeb għall-konsum, m'għandux jiġi ddistribwit ulterjorment. Il-kundizzjonijiet xierqa tal-ħżin u l-integrità tal-imballaġġ iridu jiġu dejjem iggarantiti.

6.3.3. *Il-bajd: ir-regoli dwar l-immarkar tad-data u l-prattiki ta' ridistribuzzjoni*

Skont ir-regoli tal-UE dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-bajd ikkummerċjalizzat bħala tal-klassi "A" (jiġifieri bajd tajjeb għall-ikel) irid jiġi ttikkettat b'data "uża qabel" li tkun stabbilita 28 jum minn meta jkun inbied il-bajd [3]. Ir-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel [4] jispeċifikaw ulterjorment li l-bajd irid jiġi kkunsinnat lill-konsumatur f'limitu massimu ta' żmien ta' 21 jum minn mindu jkun inbied. Dan għalhekk ifisser li filwaqt li l-bajd ma jkunx jista' jibqa' jinbiegħ bl-imnut wara 21 jum, il-konsumaturi li jixtru bajd sa din id-data se jkollhom ġimgħa addizzjonali li fiha dawn jistgħu jkunu żguri dwar il-kwalità u l-freskezza tal-bajd mixtri.

Sabiex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jbigħu bajd wara l-limitu ta' 21 jum lill-industrija tal-ipproċessar tal-bajd [5] għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel u/jew l-ipproċessar tal-bajd (bi trattament bis-sħana suffiċjenti) sabiex jippermettu l-użu ulterjuri tiegħu. Bl-istess raġunament, wara l-limitu ta' 21 jum, il-bajd jista' jsir disponibbli wkoll għar-ridistribuzzjoni tal-ikel, bil-kundizzjoni li l-operatur ta' negozju tal-ikel riċeventi (eż. organizzazzjoni karitatevoli) jipproċessa l-bajd (bi trattament bis-sħana suffiċjenti sabiex jiżgura s-sikurezza tiegħu) qabel jagħmlu disponibbli għall-konsumaturi.

7. **IR-REGOLI FISKALI**

It-taxxa fuq il-valur miżjud jista' jkollha implikazzjonijiet għat-trasferiment ta' ikel żejjed minn donaturi lil banek tal-ikel u organizzazzjonijiet karitatevoli oħra.

Strumenti fiskali oħra (għat-tnaqqis mit-taxxa u ħelsien mit-taxxa fuq il-kumpaniji) jistgħu jipprovdu inċentivi ekonomiċi għad-donazzjoni tal-ikel u b'hekk jappoġġaw ir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed li jittiekel u l-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel.

7.1. **It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)**

It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) hija rregolata fil-livell tal-UE mid-Direttiva tal-VAT [6] li trid tiġi implimentata fid-dritt nazzjonali. Il-leġiżlazzjoni dwar il-VAT kif applikata fl-Istati Membri tal-UE xi drabi jista' jkollha implikazzjonijiet għad-donazzjoni tal-ikel, peress li titqies bħala ostaklu għat-trasferiment ta' ikel żejjed bejn id-donaturi, il-banek tal-ikel u organizzazzjonijiet karitatevoli oħra [1]. Bl-adattament tar-regoli applikabbli għall-oġġetti mogħtija mingħajr ħlas (skont l-Artikoli 16 u 74 tad-Direttiva tal-VAT), l-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw id-donazzjoni ta' ikel żejjed għal skopijiet karitatevoli.

[1] Comparative Study on EU Member States' legislation and practices on food donation, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2014.
[2] Ara pereżempju: L-aġenzija Belġjana għas-sikurezza tal-ikel Circulaire relative aux dispositions applicables aux banques alimentaires et associations caritatives, it-8 ta' Frar 2017; l-Italja — Manual of Good Practices for Charitable Organisations (Manwal ta' Prattiki Tajba għall-Organizzazzjonijiet Karitatevoli), Caritas Italiana, Fondazione Banco Alimentare Onlus, Marzu 2016.
[3] L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6).
[4] Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (l-Anness III, is-Sezzjoni X, il-Kapitolu I.3).
[5] F'konformità mar-regoli tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel relatati mal-ikel li joriġina mill-annimali, il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jipprovdu bajd lil stabbiliment ieħor jekk dan jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (inkluża l-approvazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali) jew jekk il-provvista titqies bħala "marġinali, ristretta u lokali" u tkun irregolata permezz ta' miżuri nazzjonali nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea. Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsima 5.2.
[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

Il-Kumitat tal-UE tal-VAT fis-7 ta' Diċembru 2012 qabel fuq linji gwida ([1]) biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tad-Direttiva tal-VAT fl-Istati Membri tal-UE. B'mod speċifiku l-linji gwida jagħtu gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 74 fir-rigward tad-donazzjoni tal-ikel:

"Il-Kumitat tal-VAT b'mod unanimu jaqbel li d-donazzjoni ta' oġġetti tal-ikel lill-foqra, magħmula minn persuna taxxabbli mingħajr ħlas, għandha titqies bħala provvista ta' oġġetti bi ħlas, f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-VAT, sakemm din id-donazzjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru biex titqies bħala rigal ta' valur żgħir fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-VAT.

Il-Kumitat tal-VAT b'mod unanimu jaqbel ukoll li, f'każijiet fejn tali donazzjoni trid titqies bħala provvista ta' oġġetti bi ħlas, l-ammont taxxabbli għandu jkun il-prezz tax-xiri tal-oġġetti (jew ta' oġġetti simili jew, fl-assenza tal-prezz tax-xiri, il-prezz tal-kost tal-oġġetti) mogħtija b'donazzjoni, aġġustat għall-istat ta' dawk l-oġġetti fil-mument meta sseħħ id-donazzjoni, kif previst fl-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT".

L-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT għar-ridistribuzzjoni ta' ikel fl-Istati Membri tal-UE

F'ċerti Stati Membri, titħallas ftit jew ma titħallas l-ebda VAT meta ikel jingħata b'donazzjoni lil banek tal-ikel hekk kif l-awtoritajiet nazzjonali jqisu, f'konformità mal-Artikolu 74 tad-Direttiva tal-VAT kif implimentata fid-dritt nazzjonali, li l-valur tal-ikel mogħti b'donazzjoni viċin id-data "uża qabel/uża sa" jkun żgħir jew żero. Min-naħa l-oħra, Stati Membri oħra tal-UE jqisu l-prezz ta' prodott lest biex jingħata b'donazzjoni bħala li jkun fl-istess livell tal-prezz tax-xiri tiegħu permezz ta' tranżazzjonijiet kummerċjali normali. B'hekk, il-VAT hija kkalkolata wkoll abbażi tal-prezz kummerċjali b'konsegwenzi negattivi għad-donazzjoni tal-ikel ([2]).

Is-sejbiet mill-istudju komparattiv tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar il-leġiżlazzjoni u l-prattiki dwar id-donazzjoni tal-ikel jindikaw li l-maġġoranza tal-Istati Membri meqjusa ([3]) ma jimponux VAT meta jingħata ikel b'donazzjoni lil banek tal-ikel, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Skont l-istudju tal-KESE kif ukoll input ieħor ipprovdut lill-Kummissjoni minn esperti tal-Istati Membri, il-Belġju, il-Kroazja, id-Danimarka, l-Italja, il-Ġermanja, il-Greċja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Portugall introduċew dispożizzjonijiet speċifiċi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar it-taxxa biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-VAT fir-rigward tad-donazzjoni tal-ikel. Fir-Renju Unit, ħafna mill-oġġetti tal-ikel għandhom rata tat-taxxa żero iżda hemm eċċezzjonijiet li għandhom rata tat-taxxa standard (jiġifieri VAT ta' 20 %) bħall-ħlewwiet, il-gallettini taċ-ċikkulata, il-krisps, *eċċ.* Fil-prattika, ħafna mill-ikel mogħti b'donazzjoni lill-organiżmi tal-karità fir-Renju Unit se jkollhom rata tat-taxxa żero li jfisser li kumpanija tista' tagħtihom b'donazzjoni mingħajr ma jkollha tagħti rendikont tat-taxxa. Spanja u l-Iżvezja m'għandhom l-ebda dispożizzjoni partikolari dwar il-VAT fir-rigward tad-donazzjoni tal-ikel.

Kjarifika ulterjuri tal-leġiżlazzjoni tal-UE

Fi tweġiba għal mistoqsija mill-Parlament Ewropew ([4]), il-Kummissjoni esprimiet il-fehma tagħha li l-ostakli tat-taxxa m'għandhomx jimpedixxu d-donazzjonijiet tal-ikel lill-banek tal-ikel u lil organizzazzjonijiet karitatevoli oħrajn. Il-Kummissjoni f'konformità mal-linji gwida miftiehma mill-Kumitat tal-UE tal-VAT, tirrakkomanda li, għall-kalkolu tal-VAT fuq id-donazzjonijiet tal-ikel, il-valur ta' dawn il-prodotti għandu jiġi aġġustat skont iċ-ċirkustanzi u l-istat tal-prodotti fil-mument tad-donazzjoni. Meta d-donazzjonijiet tal-ikel isiru qrib id-data "*uża qabel*" jew "*uża sa*" jew il-prodotti ma jkunux tajbin għall-bejgħ iżda jistgħu jiġu kkonsmati mingħajr periklu, dawn iċ-ċirkustanzi għandhom jitqiesu mill-Istati Membri meta tiġi kkalkolata l-VAT dovuta, li tista' tkun anki żero meta l-ikel ġenwinament ma jkollu l-ebda valur ([5]).

7.2. **Inċentivi fiskali**

Xi Stati Membri jfittxu li jistimolaw id-donazzjoni tal-ikel billi joffru tnaqqis mit-taxxa. Stati Membri oħra jipprovdu krediti ta' taxxa insostenn ta' skema ta' ridistribuzzjoni.

([1]) Il-linji gwida tal-Kumitat tal-VAT kif miftiehma huma ppubblikati fuq: http://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/taxation/vat/key_documents/vat_committee/guidelines-vat-committee-meetings_en.pdf

([2]) *Review of EU legislation and policies with implications on food waste*, EU FUSIONS, 15 ta' Ġunju 2015 https://www.eu-fusions.org/index.php/about-food-waste/283-food-waste-policy-framework.

([3]) Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit. *Comparative Study on EU Member States' legislation and practices on food donation*, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2014.

([4]) E-009571/2014 (http://www.europarl.europa.eu/sides/getAllAnswers.do?reference=E-2014-009571&language=MT)

([5]) Din ir-rakkomandazzjoni ssegwi d-diskussjonijiet li saru bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-kalkolu tal-VAT fuq ikel li jingħata lil dawk fil-bżonn.

Inċentivi tat-taxxa fuq il-kumpaniji fis-seħħ fi ftit Stati Membri (eż. Franza, Spanja u l-Portugall) urew l-effettività tagħhom fit-tħeġġiġ tad-donazzjoni ta' ikel żejjed mill-industrija. Fi Franza 60 % ([1]) u fi Spanja 35 % tal-valur kontabilistiku nett tal-ikel mogħti b'donazzjoni jistgħu jintalbu bħala kreditu tat-taxxa fuq il-kumpaniji, li jfisser li d-donaturi tal-ikel ikunu jistgħu jnaqqsu l-perċentwali tal-valur tal-ikel mogħti b'donazzjoni mit-taxxa fuq il-kumpaniji fuq l-introjtu tagħhom. L-istudju komparattiv imwettaq mill-KESE juri wkoll li fil-maġġoranza tal-Istati Membri l-oħra eżaminati, id-donazzjoni tal-ikel tista' titqies bħala spiża tat-taxxa li tista' titnaqqas u tista' tnaqqas id-dħul taxxabbli (fi ħdan ċerti limiti u sollijiet skont l-Istati Membri). Il-KESE jispeċifika li l-Portugall għandu tnaqqis tat-taxxa mtejjeb fis-seħħ, li jfisser li d-donaturi jistgħu jnaqqsu sa 140 % tal-valur tal-ikel fil-mument tad-donazzjoni, bil-kundizzjoni li l-ikel se jintuża għal skop soċjali (bħal provvista lil banek tal-ikel) u huwa limitat għal 8/1 000 tal-fatturat tad-donatur.

8. PROGRAMMI OĦRA TAL-UE

8.1. Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u d-donazzjonijiet tal-ikel

Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) għandu l-objettiv speċifiku li jikkontribwixxi biex itaffi l-agħar forom ta' faqar fl-UE billi jipprovdi assistenza mhux finanzjarja lill-aktar persuni żvantaġġati fl-UE. L-assistenza mill-FEAD tista' tieħu l-forma ta' appoġġ fl-ikel, assistenza f'materjal bażiku (ħwejjeġ, xedd is-saqajn, oġġetti tal-iġjene, eċċ.) jew azzjonijiet li jippromwovu l-inklużjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.

F'kull Stat Membru, il-FEAD huwa implimentat bl-għajnuna ta' organizzazzjonijiet sħab — korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ — inkarigati mill-għoti tal-assistenza jew mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' inklużjoni soċjali.

L-ikel imqassam mill-organizzazzjonijiet sħab jista' jinxtara b'riżorsi tal-FEAD iżda jista' jingħata b'donazzjoni wkoll. Programm operazzjonali tal-FEAD jista' jipprevedi l-finanzjament ta' donazzjonijiet tal-ikel, fejn l-ikel jingħata b'donazzjoni lil organizzazzjoni sieħba u jiġi ddistribwit lill-aktar persuni fil-bżonn mingħajr ħlas. Il-kostijiet tal-organizzazzjonijiet sħab għall-ġbir tal-ikel mogħti b'donazzjoni mid-donatur, it-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni tiegħu lill-persuni l-aktar fil-bżonn jistgħu jiġu koperti minn fondi tal-FEAD. B'dan il-mod, il-FEAD jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mill-organizzazzjonijiet sħab fost id-donaturi potenzjali jistgħu jiġu appoġġati wkoll mill-FEAD.

Il-possibbiltà għall-finanzjament ta' donazzjonijiet tal-ikel trid tkun prevista fil-programm operazzjonali korrispondenti tal-FEAD. Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi li l-organizzazzjonijiet sħab jiġu rrimborżati abbażi tal-kostijiet reali mġarrba u mħallsa ([3]). Madankollu l-Kummissjoni pproponiet diversi emendi għar-Regolament (UE) Nru 223/2014 bħala parti mill-proposta għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, adottata fl-14 ta' Settembru 2016 [COM(2016) 605 final]. Waħda minn dawn l-emendi, jekk tiġi adottata, se toffri l-possibbiltà lill-Istati Membri li jużaw ukoll għażliet tal-kost issimplifikati meta jiffinanzjaw donazzjonijiet tal-ikel. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jiddefinixxu rati fissi, somom f'daqqa jew kostijiet unitarji u jużawhom bħala bażi għal pagamenti lil organizzazzjonijiet sħab li jiġbru u jqassmu ikel mogħti b'donazzjoni.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet in-Netwerk tal-FEAD għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati tal-FEAD. Dan huwa forum fejn l-organizzazzjonijiet sħab jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fl-ikel mogħti b'donazzjoni: http://ec.europa.eu/feadnetwork

8.2. Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli

L-iskema tal-UE tal-ġestjoni tas-suq (element tal-"organizzazzjoni komuni għal swieq agrikoli") tappoġġa b'mod attiv is-settur tal-frott u l-ħxejjex permezz ta' erba' għanijiet wiesgħa: settur aktar kompetittiv u orjentat lejn is-suq; inqas varjazzjonijiet marbuta mal-kriżi fid-dħul finanzjarju tal-produtturi; konsum akbar ta' frott u ħxejjex fl-UE; u użu akbar ta' kultivazzjoni u ta' tekniki ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Sabiex jibbenefikaw mill-iskema tal-frott u l-ħxejjex, il-produtturi huma mħeġġa jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) li jirċievu appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi operazzjonali, ibbażati fuq strateġija nazzjonali.

([1]) B'limitu ta' 0,5 % tal-fatturat tal-kumpanija.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

([3]) Ara l-Artikolu 26(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014

Il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżi taħt l-Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (OKS) joffru l-possibbiltà lill-PO li jirtiraw kwantitajiet ta' frott u ħxejjex mis-suq. Peress li l-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex hija soġġetta għal varjazzjonijiet sinifikanti u l-prodotti huma staġjonali u jmorru malajr ħafna, l-iskemi ta' rtirar jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-ikel żejjed li jista' jkun hemm fis-suq. L-appoġġ finanzjarju jkun ipprovdut bis-sħiħ mill-baġit tal-Unjoni jekk id-destinazzjoni tal-frott u l-ħxejjex irtirati mis-suq tkun id-distribuzzjoni mingħajr ħlas ta' prodotti permezz ta' organiżmi tal-karità (fi ħdan il-limitu ta' 5 % tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull OP). Fuq talba, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-organizzazzjoni u l-istituzzjonijiet karitatevoli li jirċievu tali prodotti sabiex jitolbu kontribuzzjoni mingħand ir-riċevituri finali.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tagħti prijorità lid-distribuzzjoni mingħajr ħlas (irtirar għall-karità) fuq destinazzjonijiet oħra billi tagħti livell ogħla ta' appoġġ finanzjarju. Meta l-frott u l-ħxejjex jiġu rtirati għal destinazzjonijiet oħra (jiġifieri użu mhux għall-ikel bħal kompostjar, fertilizzant, konverżjoni tal-enerġija, eċċ.), l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tkun limitata għal 50 % (jew f'xi kundizzjonijiet 60 %) tan-nefqa reali mġarrba. Dan l-irtirar tal-frott u l-ħxejjex huwa għalhekk forma ta' donazzjoni organizzata lir-riċevituri finali.

Id-distribuzzjoni mingħajr ħlas ta' frott u ħxejjex irtirati mis-suq tikkonċerna lill-benefiċjarji li ġejjin: organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet karitatevoli approvati mill-Istati Membri; istituzzjonijiet penali; skejjel; kampijiet tal-vaganzi tat-tfal; u sptarijiet u djar tal-anzjani ddeżinjati mill-Istati Membri.

Dawn il-benefiċjarji għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha biex jiżguraw li l-kwantitajiet b'hekk iddistribwiti jkunu addizzjonali għall-kwantitajiet normalment mixtrija minn tali stabbilimenti u li dawn ikollhom kapaċità suffiċjenti li jaħżnu l-prodott irċevut.

Ir-regoli tal-OKS jippermettu wkoll l-ipproċessar ta' frott u ħxejjex irtirati mis-suq għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas. F'tali każijiet, il-pagament *in natura* mill-benefiċjari ta' distribuzzjoni mingħajr ħlas lill-proċessuri tal-frott u l-ħxejjex jista' jkun permess bil-kundizzjoni li fil-livell tal-Istat Membru jkun hemm fis-seħħ regoli xierqa li jiżguraw li l-prodotti pproċessati jkunu intiżi għar-riċevituri finali.

Huwa previst ukoll tikkettar speċifiku li jippromwovi s-sors u l-użu tal-finanzjament mill-UE. Bl-għoti ta' rata ta' kontribuzzjoni ogħla, l-allokazzjoni prijoritarja tal-Unjoni tal-irtirar mis-suq bla dubju hija li l-prodotti rtirati jiġu rridistribwiti lill-persuni fil-bżonn permezz ta' organiżmi tal-karità kif ukoll istituzzjonijiet oħra approvati mill-Istati Membri.

8.3. **Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura**

Il-kontribut għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) huma l-atturi prinċipali inkarigati mill-ilħuq ta' dan l-għan.

F'dan il-kuntest iż-żewġ objettivi komplementari huma li jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet inċidentali u, sa fejn ma jkunux jistgħu jiġu evitati, li jsir l-aħjar użu minnhom. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' konservazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE u bl-għan li jitħeġġew prattiki tas-sajd selettivi, japplikaw daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni għal ċerti speċijiet. Konsegwentement, għal tali speċijiet, il-qabdiet li jkunu taħt id-daqs minimu ta' konservazzjoni ma jistgħux jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem. Tali qabdiet jistgħu madankollu jintużaw għal skopijiet oħra, bil-kundizzjoni li dawn ma jwasslux għall-ħolqien ta' suq għal ħut iżgħar mid-daqs preskritt.

Attività importanti oħra tal-OP hija l-aġġustament tal-produzzjoni għar-rekwiżiti tas-suq. Bl-ippjanar tal-attivitajiet ta' qbid skont id-domanda tas-suq sabiex ikun hemm dejjem suq disponibbli għall-ħut li jkun inħatt, l-OP jistgħu jiżguraw l-aħjar dħul possibbli għas-sajjieda filwaqt li fl-istess ħin jillimitaw il-ġenerazzjoni ta' skart tal-ikel.

Sa mir-riforma tagħha fl-2014, l-OKS temmet għalkollox ħafna mill-miżuri ta' kumpens għall-irtirar mis-suq. Madankollu, sabiex tiġi żgurata introduzzjoni bla xkiel tas-sistema l-ġdida, ġiet introdotta miżura temporanja ([1]) li, sa tmiem l-2018, tippermetti lill-OP tas-sajd jirtiraw prodotti mis-suq meta l-prezz tas-suq ikun baxx wisq. Dan l-appoġġ finanzjarju jingħata f'kundizzjonijiet speċifiċi li jirrikjedu pereżempju li l-prodotti jitqiegħdu lura fis-suq għall-konsum mill-bniedem (kemm jekk bi ħlas jew mingħajr ħlas).

Filwaqt li l-OKS ma tippromwovix b'mod speċifiku d-donazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, din l-għażla mhix eskluża. Il-provvista ta' prodotti tas-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem hija ristretta biss għal dawk il-prodotti li jikkonformaw mad-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni u mal-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni fil-mument tal-ewwel offerta tagħhom għall-bejgħ jew tal-ewwel bejgħ. Tali restrizzjoni ma tapplikax għall-prodotti tal-akkwakultura.

([1]) L-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

Referenzi

(BE) "Circulaire relative aux dispositions applicables aux banques alimentaires et associations caritatives", Agence Fédérale pour la Sécurité de la Chaîne alimentaire, FAVV-AFSCA, it-8 ta' Frar 2017.

http://www.favv-afsca.be/denreesalimentaires/circulaires/_documents/2017-02-08_Circ-ob_Banquesalimentaires_FR_V3_clean.pdf

"Comparative study on EU Member States' legislation and practices on food donations". Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Ġunju 2014.

http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/comparative-study-on-eu-member-states-legislation-and-practices-on-food-donation_finalreport_010714.pdf

"Counting the Cost of Food Waste: EU food waste prevention. 10th Report of Session 2013–2014", Il-Kumitat tal-Unjoni Ewropea, House of Lords, ir-Renju Unit.

http://www.parliament.uk/documents/lords-committees/eu-sub-com-d/food-waste-prevention/154.pdf

"European Hospitality Industry Guidelines to Reduce Food Waste and Recommendations to Manage Food Donations". HOTREC Hospitality Europe, 2017.

"Every Meal Matters — Food donation guidelines". FoodDrinkEurope/EuroCommerce/il-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel — approvati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, 2016.

http://www.fooddrinkeurope.eu/uploads/publications_documents/6194_FoodDrink_Europe_Every_Meal_Matters_screen.pdf

(FI) "Foodstuffs donated to Food Aid", id-Dipartiment ta' Kontroll EVIRA, il-21 ta' Mejju 2013.

http://www.diva-portal.org/smash/get/diva2:902211/ATTACHMENT02.pdf

"Food Redistribution in the Nordic Region, Experiences and results from a pilot study" (TemaNord, 2014)

http://norden.diva-portal.org/smash/get/diva2:784307/FULLTEXT01.pdf

Food Redistribution in the Nordic Region: Phase II: Identification of best practice models for enhanced food redistribution (TemaNord, 2016)

http://www.diva-portal.org/smash/record.jsf?pid=diva2%3A902211&dswid=-1064

(FR) "Entreprises du secteur alimentaire: Guide pratique et réglementaire pour donner aux associations d'aide alimentaire", DRAAF Rhône-Alpes.

http://draaf.auvergne-rhone-alpes.agriculture.gouv.fr/IMG/pdf/Guide_dons_alimentaires_-_20-septembre-1_cle0124ef.pdf

(FR) "Gwida għall-Prattiki ta' Iġjene Tajba fid-distribuzzjoni ta' ikel minn organizzazzjonijiet kartitatevoli", il-Federazzjoni Franċiża tal-Banek tal-Ikel, 2011.

(FR) "Liġi Nru 2016-138 tal-11 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel", JORF Nru 0036 tat-12 ta' Frar 2016

https://www.legifrance.gouv.fr/affichTexte.do?cidTexte=JORFTEXT000032036289&dateTexte=&categorieLien=id

(FR) Mudell ta' ftehim reċiproku għad-donazzjoni tal-ikel bejn kumpanija tal-bejgħ bl-imnut u assoċjazzjoni tal-għajnuna għall-ikel awtorizzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu L. 230-6 tal-kodiċi rurali u tas-sajd marittimu (Convention de dons de denrées alimentaires entre un commerce de détail alimentaire et une association d'aide alimentaire habilitée en application de l'article L. 230-6 du code rural et de la pêche maritime) (ara: http://agriculture.gouv.fr/don-alimentaire-un-modele-de-convention-entre-distributeurs-et-associations)

"Review of EU legislation and policies with implications on food waste", FUSIONS, Ġunju 2015.

https://www.eu-fusions.org/index.php/publications/267-analysing-food-waste-policies-across-the-eu-28

"Hospitality Food Surplus Redistribution Guidelines", FUSIONS, Settembru 2015

http://www.eu-fusions.org/phocadownload/feasibility-studies/Hospitality/Hospitalty%20Food%20Surplus%20Redistribution%20Guideline.pdf

(IT) Liġi Nru 166 tad-19 ta' Awwissu 2016. "Miżuri dwar id-donazzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel u prodotti mediċinali għal solidarjetà soċjali u għal-limitazzjoni tal-ħela" ("Dispozioni concernenti la donazione e la distribuzione di prodotti alimentare e farmaceutici a fini di solidarietà sociale e per la limitazione degli sprechi"). *Gazzetta Ufficiale della Republica Italiana*. Nru 202, 30 ta' Awwissu 2016

http://www.gazzettaufficiale.it/eli/gu/2016/08/30/202/sg/pdf

(IT) Manual of Good Practices for Charitable Organisations, il-Caritas Italiana, Fondazione Banco Alimentare O.N.L.U.S., 2016

(NL) Manwal dwar is-Sikurezza tal-Ikel, l-Assoċjazzjoni tal-banek tal-ikel Netherlandiżi, 2016

(PT) Procedures to be adopted for restaurants/catering services/events; Procedures for food donated by large establishments; Frequently Asked Questions — NGO DariAcordar ma' ASAE (L-Awtorità tas-Sikurezza tal-Ikel u Ekonomika) u d-DGAV (L-Awtorità Nazzjonali għas-Saħħa tal-Annimali)

Ara wkoll "il-linji gwida nazzjonali/settorjali addizzjonali dwar id-donazzjoni tal-ikel" ippubblikati fuq:

http://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/library/index_en.htm

ANNESS 1

Tabella sommarja ta' dispożizzjonijiet legali b'rilevanza għad-donazzjoni tal-ikel ([1])

Il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel	Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002	— Dan ir-Regolament japplika għall-operaturi kollha ta' negozju tal-ikel li jqiegħdu ikel fis-suq, inklużi organizzazzjonijiet ta' ridistribuzzjoni u organizzazzjonijiet karitatevoli oħra (l-Artikolu 3.2). — L-atturi kollha fil-katina tal-ikel għandhom jiżguraw li l-ikel jissodisfa r-rekwiżiti tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (l-Artikolu 17.1). — Operatur ta' negozju tal-ikel jinżamm responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti kollha tal-liġi dwar l-ikel (eż. sikurezza tal-ikel, iġjene tal-ikel, informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi) għal attivitajiet li jseħħu fil-parti tal-katina tal-ikel taħt il-kontroll tiegħu (l-Artikolu 17). — L-Artikolu 14 jistabbilixxi rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza tal-ikel li għandhom jiġu osservati mill-atturi kollha. — L-Artikolu 18 tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel jintroduċi l-kunċett ta' traċċabbiltà. — L-attivitajiet relatati mal-użu u l-konsum domestiku privat ta' ikel huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 1.3).
Il-Pakkett tal-Iġjene tal-Ikel	— Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 — Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004	— L-operaturi kollha ta' negozju tal-ikel iridu jikkonformaw mar-regoli tal-UE relatati mal-iġjene tal-ikel. — Huwa meħtieġ li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel matul il-katina tal-ikel, sa mill-produzzjoni primarja. — Huwa importanti li għall-ikel li ma jkunx jista' jinħażen b'mod sikur f'temperaturi ambjentali, partikolarment l-ikel iffriżat, tinżamm il-katina tal-kesħa. — proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, fejn applikabbli, jeħtieġ li jkun hemm konformità magħhom tul il-katina tal-ikel. — Japplikaw rekwiżiti speċifiċi għad-distribuzzjoni/id-donazzjoni ta' ikel li joriġina mill-annimali.

([1]) Tabella bbażata fuq il-preżentazzjoni tal-*Comparative study on EU Member States' legislation and practices on food donations* tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (Bijo minn Deloitte, 7 ta' Lulju 2014).

		— Ir-regoli dwar l-iġjene għandhom japplikaw biss għall-impriżi, li l-kunċett tagħhom jimplika ċerta kontinwità ta' attivitajiet u ċertu grad ta' organizzazzjoni (il-premessa 9 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004).
It-tikkettar u d-durabbiltà tal-ikel	Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011	— L-operaturi ta' negozju tal-ikel huma meħtieġa jindikaw data "uża qabel" jew "uża sa".
		— Il-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti tal-ikel wara d-"data uża qabel" tagħhom hija permessa skont id-dritt tal-UE (iżda id-distribuzzjoni ta' ikel wara d-data "uża sa" hija meqjusa bħala mhux sikura u għalhekk hija pprojbita).
		— Ir-regoli dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi japplikaw biss għall-impriżi, li l-kunċett tagħhom jimplika ċerta kontinwità ta' attivitajiet u ċertu grad ta' organizzazzjoni (il-premessa 15).
Ir-regoli tal-VAT	Id-Direttiva 2006/112/KE Il-linji gwida tal-Kumitat tal-VAT li jirriżultaw mis-97 laqgħa tiegħu (1)	— Skont id-Direttiva 2006/112/KE, il-VAT trid titħallas fuq ikel intiż għal donazzjoni jekk il-VAT imħallsa mid-donatur max-xiri tkun tnaqqset (l-Artikolu 16).
		— L-ammont taxxabbli huwa l-prezz tax-xiri fil-mument tad-donazzjoni aġġustat għall-istat ta' dawk l-oġġetti fil-mument meta sseħħ id-donazzjoni (l-Artikolu 74).
		— COM tirrakkomanda li — għal ikel li jkun viċin id-data "uża qabel", Stat Membru għandu jqis il-valur li fuqu tiġi kkalkolata l-VAT bħala pjuttost baxx, jew anki viċin iż-żero f'każijiet fejn l-ikel ġenwinament ma jkollu l-ebda valur.
Kontrolli Uffiċjali	Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206).	— Kontrolli ta' stabbilimenti li jipproduċu prodotti li joriġinaw mill-annimali intiżi għall-konsum mill-bniedem.
	Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).	— Kontrolli biex tiġi żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf, mar-regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.

	Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).	— Jindirizza kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Ir-regoli l-ġodda se jsiru applikabbli gradwalment bid-data ta' applikazzjoni prinċipali tkun l-14 ta' Diċembru 2019.
Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD)	Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).	— Tistabbilixxi l-prevenzjoni tal-iskart bħala l-ewwel pass tal-ġerarkija tal-iskart u tirrikjedi lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi għall-prevenzjoni tal-iskart. — Il-proposta biex tiġi emendata d-WFD [COM(2015)595 final] issaħħaħ il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel bħala parti mill-politika ġenerali ta' prevenzjoni tal-iskart. Tistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-iskart tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista, jimmonitorjaw il-livell tal-iskart tal-ikel u jirrappurtaw kull sentejn. — Il-Kummissjoni se tadotta metodoloġija biex tkejjel l-iskart tal-ikel ibbażata fuq opinjoni favorevoli tal-Istati Membri.
Servizzi minn Soċjetà tal-Informazzjoni (partikolarment il-kummerċ elettroniku)	Id-Direttiva 2000/31/KE	— Tikkontribwixxi għall-funzjonament sewwa tas-suq intern billi tiżgura l-moviment liberu bejn l-Istati Membri ta' servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni. — Tapprossimizza ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali dwar servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni li jirrigwardaw *inter alia* r-responsabbiltà ta' intermedjarji. — Tikkomplementa d-dritt tal-Unjoni applikabbli għal servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni mingħajr preġudizzju għal-livell ta' protezzjoni, partikolarment, għall-interessi tas-saħħa pubblika u tal-konsumatur, kif stabbiliti f'regoli tal-UE u nazzjonali sa fejn dan ma jirrestrinġix il-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni.

Organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli	Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).	L-Artikolu 34(4) dwar Irtirar għall-karità. Dan l-irtirar bħalissa huwa forma ta' donazzjoni organizzata "mingħajr ħlas" għar-riċevituri finali. Il-leġiżlazzjoni relatata tipprovdi appoġġ ogħla għal distribuzzjoni mingħajr ħlas (irtirar għall-karità) milli għal irtirar għal destinazzjonijiet oħra. Huwa previst ukoll tikkettar speċifiku li jippromwovi s-sors u l-użu tal-finanzjament mill-UE. L-allokazzjoni prijoritarja tal-irtirar mis-suq bla dubju hija li l-għajnuna tingħata lil dawk l-aktar fil-bżonn permezz ta' organiżmi tal-karità u istituzzjonijiet oħra approvati mill-Istati Membri. Użijiet oħra ta' prodotti rtirati jseħħu bħala alternattivi għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas.
Organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura	Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013	L-Artikolu 34(2) dwar il-konformità mal-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni. Il-prodotti tas-sajd li ma jikkonformawx mal-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni (inklużi daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni) ma jistgħux jiġu pprovduti għall-konsum dirett mill-bniedem. Huma permessi użijiet oħra.
Regoli ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd	Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009	L-Artikolu 58 jintroduċi r-rekwiżiti speċifiċi tat-traċċabbiltà applikabbli għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.
Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)	Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014	— Programm operazzjonali tal-FEAD jista' jipprevedi l-finanzjament ta' donazzjonijiet tal-ikel, fejn l-ikel jingħata b'donazzjoni lil organizzazzjoni sieħba (korp pubbliku jew organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ) mingħajr ħlas. — Il-kostijiet għall-ġbir tal-ikel mogħti b'donazzjoni mid-donatur, it-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni tiegħu lill-persuni l-aktar fil-bżonn jistgħu jiġu koperti minn fondi tal-FEAD. — Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost id-donaturi potenzjali tal-ikel jistgħu jiġu appoġġati wkoll.

([1]) Inklużi fil-lista ta' linji gwida (ara p. 165) li tinsab fuq: http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/vat/key_documents/vat_committee/guidelines-vat-committee-meetings_en.pdf

ANNESS 2

Siġra tad-deċiżjonijiet: Hemm bżonn li nikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 bħala bejjiegħ bl-imnut li jforni lil organizzazzjoni karitatevoli/bank tal-ikel jew bħala organizzazzjoni karitatevoli/bank tal-ikel?



IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ([1])

L-24 ta' Ottubru 2017

(2017/C 361/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1761	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4875
JPY	Yen Ġappuniż	133,95	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,1803
DKK	Krona Daniża	7,4433	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7008
GBP	Lira Sterlina	0,89303	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6023
SEK	Krona Żvediża	9,6475	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 327,81
CHF	Frank Żvizzeru	1,1613	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,1396
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8022
NOK	Krona Norveġiża	9,3883	HRK	Kuna Kroata	7,5130
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 937,33
CZK	Krona Ċeka	25,583	MYR	Ringgit Malażjan	4,9849
HUF	Forint Ungeriż	308,53	PHP	Peso Filippin	60,801
PLN	Zloty Pollakk	4,2403	RUB	Rouble Russu	67,6090
RON	Leu Rumen	4,6013	THB	Baht Tajlandiż	39,035
TRY	Lira Turka	4,3751	BRL	Real Brażiljan	3,8022
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5117	MXN	Peso Messikan	22,4841
			INR	Rupi Indjan	76,5790

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

L-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifika mir-Repubblika Ċeka ta' pjan nazzjonali tranżizzjonali mmodifikat imsemmi fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali

(2017/C 361/03)

FL-20 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 6985 dwar in-notifika mir-Repubblika Ċeka ta' pjan nazzjonali tranżizzjonali mmodifikat imsemmi fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]).

Dan id-dokument jinsab fis-sit tal-internet li ġej:
https://circabc.europa.eu/w/browse/36205e98-8e7a-47d7-808d-931bc5baf6ee

---

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-Proposti 2018 — EAC/A05/2017

Il-Programm Erasmus+

(2017/C 361/04)

1. **Introduzzjoni u għanijiet**

Din is-sejħa għall-proposti hija msejsa fuq ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li jistabbilixxi l-"Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport kif ukoll fuq il-programmi ta' ħidma annwali Erasmus + tal-2017 u l-2018. Il-Programm Erasmus + ikopri l-perjodu mill-2014 sal-2020. L-għanijiet speċifiċi tal-Programm Erasmus+ jinsabu fl-Artikoli 4, 5, 11 u 16 tar-Regolament.

2. **Azzjonijiet**

Din is-sejħa għall-proposti tkopri dawn l-azzjonijiet tal-Programm Erasmus+:

L-Azzjoni Ewlenija 1 (KA1) — Il-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi

— Il-mobbiltà tal-individwi fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ

— Masters Konġunti Erasmus Mundus

L-Azzjoni Ewlenija 2 (KA2) — Koperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba

— Sħubijiet strateġiċi fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ

— Alleanzi tal-għarfien

— Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali

— It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja

— It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam taż-żgħażagħ

L-Azzjoni Ewlenija 3 (KA3) — Appoġġ għar-riforma politika

— Id-Djalogu Strutturat: Laqgħat bejn iż-żgħażagħ u min jieħu d-deċiżjonijiet fil-qasam taż-żgħażagħ

Attivitajiet Jean Monnet

— Seduti Jean Monnet

— Moduli Jean Monnet

— Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet

— Appoġġ Jean Monnet għall-Assoċjazzjonijiet

— Netwerks Jean Monnet

— Proġetti Jean Monnet

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.

L-Isport

— Sħubijiet kollaborattivi

— Sħubijiet kollaborattivi żgħar

— Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ

3. **Eliġibbiltà**

Kull korp pubbliku jew privat li hu attiv fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport jista' japplika għal finanzjament mill-Programm Erasmus+. Barra minn hekk, il-gruppi taż-żgħażagħ li huma attivi fil-ħidma taż-żgħażagħ, iżda mhux bilfors fil-kuntest ta' organizzazzjoni taż-żgħażagħ, jistgħu japplikaw għal finanzjament fejn tidħol il-mobbiltà tat-tagħlim taż-żgħażagħ u tal-ħaddiema żgħażagħ kif ukoll għal Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażagħ.

Dawn il-Pajjiżi tal-Programm jistgħu jieħdu sehem sħiħ fl-azzjonijiet tal-Programm Erasmus+ ([1]):

— l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

— il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE: l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja,

— Il-pajjiżi kandidati tal-UE: it-Turkija, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Barra minn hekk, ċerti azzjonijiet tal-Programm Erasmus+ huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn pajjiżi sħab.

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ għal aktar dettalji dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni.

Għall-applikanti Brittaniċi: Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li jrid ikun hemm konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà tul id-durata *sħiħa* tal-għotja finanzjarja. Jekk ir-Renju Unit jirtira mill-UE matul il-perjodu tal-għotja mingħajr ma jiġi konkluż ftehim mal-UE li jiżgura b'mod partikolari li l-applikanti Brittaniċi jibqgħu eliġibbli, inti ma tibqax tirċievi fondi mill-UE (filwaqt li tibqa' tipparteċipa, fejn hu possibbli) jew tintalab tħalli l-proġett.

4. **Il-baġit u t-tul tal-proġetti**

L-implimentazzjoni ta' din is-sejħa qed issir bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

— id-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2018 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2018 mill-awtorità baġitarja jew jekk il-baġit ma jiġix adottat kif inhu previst mis-sistema tad-dodiċeżmi proviżorji.

— L-awtorità leġiżlattiva Ewropea tadotta l-Programmi Indikattivi Pluriennali (MIPs) tal-2018-2020 mingħajr ebda tibdil sinifikanti.

L-istima tal-baġit totali allokat għal din is-sejħa għall-proposti hija EUR 2 490,9 miljun:

L-Edukazzjoni u t-Taħriġ:	EUR 2 253,2 miljun ([2])
Iż-Żgħażagħ:	EUR 188,2 miljun
Jean Monnet:	EUR 12,1 miljun
L-Isport:	EUR 37,4 miljun

Il-baġit totali allokat għas-sejħa għall-proposti, kif ukoll it-tqassim tiegħu huma indikattivi, u jistgħu jiġu mmodifikati soġġett għal emenda tal-Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Erasmus+. L-applikanti potenzjali mistiedna jikkonsultaw regolarment il-Programmi ta' Ħidma Annwali Erasmus + u l-emendi tagħhom, ippubblikati fuq:

http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/more_info/awp/index_mt.htm

fir-rigward tal-baġit disponibbli għal kull azzjoni koperta mis-sejħa.

([1]) L-attivitajiet Jean Monnet huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn madwar id-dinja kollha.
([2]) Dan l-ammont jinkludi fondi għad-Dimensjoni Internazzjonali tal-Edukazzjoni Għolja (EUR 328 miljun b'kollox).

Il-livell tal-għotjiet kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarja skont fatturi bħat-tip ta' proġett u l-għadd ta' sħab involuti.

5. **L-iskadenza biex jitressqu l-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt jistgħu jitressqu sa 12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Azzjoni Ewlenija 1	
Il-mobilità tal-individwi fil-qasam taż-żgħażagħ	L-1 ta' Frar 2018
Il-mobbiltà tal-individwi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja	L-1 ta' Frar 2018
Il-mobbiltà tal-individwi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), tal-edukazzjoni skolastika u tal-edukazzjoni għall-adulti	L-1 ta' Frar 2018
Il-mobilità tal-individwi fil-qasam taż-żgħażagħ	Is-26 ta' April 2018
Il-mobilità tal-individwi fil-qasam taż-żgħażagħ	L-4 ta' Ottubru 2018
Masters Konġunti Erasmus Mundus	Il-15 ta' Frar 2018

Azzjoni Ewlenija 2	
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażagħ	L-1 ta' Frar 2018
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ	Il-21 ta' Marzu 2018
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażagħ	Is-26 ta' April 2018
Sħubijiet strateġiċi fil-qasam taż-żgħażagħ	L-4 ta' Ottubru 2018
Alleanzi tal-għarfien	It-28 ta' Frar 2018
Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali	It-28 ta' Frar 2018
It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja	It-8 ta' Frar 2018
It-tiswir tal-kapaċità fil-qasam taż-żgħażagħ	It-8 ta' Marzu 2018

Azzjoni Ewlenija 3	
Laqgħat bejn iż-żgħażagħ u min jieħu d-deċiżjonijiet fil-qasam taż-żgħażagħ	L-1 ta' Frar 2018 Is-26 ta' April 2018 L-4 ta' Ottubru 2018

Azzjonijiet Jean Monnet	
Sedji, Moduli, Ċentri tal-Eċċellenza, Appoġġ għall-Istituzzjonijiet u għall-Assoċjazzjonijiet, Netwerks, Proġetti	It-22 ta' Frar 2018

Azzjonijiet tal-Isport	
Sħubijiet kollaborattivi	Il-5 ta' April 2018
Sħubijiet kollaborattivi żgħar	Il-5 ta' April 2018
Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ	Il-5 ta' April 2018

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ għal aktar struzzjonijiet dettaljati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

6. **Dettalji sħaħ**

Ara l-kundizzjonijiet ta' din is-sejħa għall-proposti fid-dettall, inklużi l-prijoritajiet, fil-Gwida tal-Programm Erasmus+:

http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/programme-guide_mt

Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ tifforma parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u l-finanzjament li jissemmew fiha japplikaw bis-sħiħ għal din is-sejħa.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż lill-operaturi ekonomiċi — Sensiela ġdida ta' talbiet għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli

(2017/C 361/05)

L-operaturi ekonomiċi huma infurmati li l-Kummissjoni rċeviet talbiet skont l-arranġamenti amministrattivi previsti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (2011/C363/02) [1] għar-rawnd ta' Lulju tal-2018.

Il-lista tal-prodotti li għalihom qed tintalab sospensjoni tat-tariffa issa hija disponibbli fuq il-websajt tematika tal-Kummissjoni (Europa) dwar l-unjoni doganali [2].

L-operaturi ekonomiċi huma infurmati wkoll li l-iskadenza għall-oġġezzjonijiet kontra t-talbiet ġodda għandhom jaslu għand il-Kummissjoni, permezz tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, hija s-12 ta' Diċembru 2017, li hija d-data tat-tieni laqgħa skedata tal-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja.

L-operaturi interessati huma avżati biex jikkonsultaw il-lista b'mod regolari sabiex ikollhom informazzjoni dwar kif tkun is-sitwazzjoni fejn jidħlu t-talbiet.

Aktar informazzjoni dwar il-proċedura tas-sospensjonijiet tat-tariffi awtonomi tinsab fuq il-websajt Europa:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/suspensions/index_en.htm

(1) ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.
(2) http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/susp/susp_home.jsp?Lang=en

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8644 — AXA/NN Group/Portfolio

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 361/06)

1. Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Lindisfarne S.L. (Spanja), li tappartjeni għall-grupp AXA SA ("AXA", Franza),

— ESI One SARL (Franza), li hija proprjetà tal-grupp AXA,

— Alterimmo l-Ewropa SARL (Franza), li tappartjeni għalll-grupp AXA,

— REI Spanja B.V. (in-Netherlands), li tappartjeni għall-NN Group N.V. ("NN", in-Netherlands),

— il-Portafoll (Spanja).

AXA u NN jakkwistaw indirettament fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-assi tal-Portafoll li jinsabu fi Spanja.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Lindisfarne S.L.: tiġġestixxi assi ta' proprjetà immobbli li hija sid diretta tagħhom u tamministra sussidjarji li għandhom assi ta' proprjetà immobbli li huma proprjetà tagħha fi Spanja,

— għal ESI One SARL: hija sid ta' portafolji tal-proprjetà immobbli / tal-proprjetajiet,

— għal Alterimmo Europe SARL: hija sid ta' portafolji tal-proprjetà immobbli / tal-proprjetajiet,

— għal REI Spain B.V.: takkwista, iżżomm, tiġġestixxi u tbigħ proprjetà immobbli u assi oħra, li jistgħu jkunu sors ta' dħul, tipparteċipa fi jew tmexxi l-ġestjoni ta' kumpaniji jew intrapriżi oħra li l-għanijiet tagħhom huma simili u tipprovdi garanziji u sigurtà għal kumpaniji oħra tal-grupp u f'isem terzi persuni,

— għall-Portafoll: huwa magħmul minn 34 residenza ta' akkomodazzjoni tal-istudenti mifruxa fi 17-il belt fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8644 — AXA/NN Group/Portfolio

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8518 — MDP/HPS/Nevada/Towergate)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 361/07)

1. Fit-18 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HPS Investment Partners, LLC ("HPS"), (l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Ardonagh Group Limited ("Ardonagh"), (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn HPS,

— Madison Dearborn Partners, LLC ("MDP"), (l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Nevada Investment Holdings 2 Limited ("Nevada 2"), (il-Gżejjer Kajman), ikkontrollata minn MDP.

HPS u MDP jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Ardonagh (inkluża Towergate) u Nevada 2.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal HPS: ditta ta' investiment li hi bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika b'investimenti f'firxa wiesgħa ta' industriji, fosthom kumpaniji ta' senserija tal-assigurazzjoni.

— għal Ardonagh: tikkontrolla lil Towergate Insurance Limited ("Towergate"), Autonet Insurance Services Ltd ("Autonet"), Price Forbes & Partners Limited ("Price Forbes"), Ryan Direct Group ("RDG") u Chase Templeton Limited ("Chase Templeton"). Dawn l-entitajiet kollha huma kumpaniji ta' senserija tal-assigurazzjoni attivi primarjament fis-settur tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja fir-Renju Unit.

— għal MDP: kumpanija ta' investiment ta' ekwità privata bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika b'investimenti f'firxa wiesgħa ta' industriji, fosthom kumpaniji ta' senserija tal-assigurazzjoni.

— għal Nevada 2: kumpanija azzjonarja privata inkorporata fil-Gżejjer Kajman li ġiet stabbilita bħala strument ta' investiment minn MDP u HPS li għandha The Broker Network Limited u Countryside Insurance Management Limited (flimkien "Broker Network"). Broker Network hija pjattaforma ta' sensara fir-Renju Unit għal sensara lokali indipendenti żgħar tal-assigurazzjoni, li joffru kopertura tal-assigurazzjoni kummerċjali u personali fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8518 — MDP/HPS/Nevada/Towergate

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8671 — BP/Bridas/Axion)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 361/08)

1. Fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BP plc (ir-Renju Unit)

— Bridas Corporation (British Virgin Islands), ikkontrollata b'mod konġunt minn Bridas Energy Holdings Ltd u minn China Offshore Oil Corporation;

— Axion Energy Holding SL (Spanja), bħalissa fil-kontroll uniku ta' Bridas Corporation.

BP plc ("BP") u Bridas Corporation ("Bridas") se jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Axion Energy Holding SL ("Axion").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BP hija attiva fis-swieq tal-esplorazzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tar-raffinar, tal-provvista u t-trasport ta' prodotti taż-żejt, petrokimiċi u prodotti relatati u ta' enerġija alternattiva;

— Bridas hija indirettament attiva fl-esplorazzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, il-kummerċjalizzazzjoni u t-trasport ta' prodotti petroliferi, il-ġbir, it-trattament, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-gass naturali u tal-elettriku, titqib u tħaffir ta' bjar u tar-raffinar, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' karburanti, lubrikanti u petrokimiċi derivattivi assoċjati;

— Axion hija attiva fir-raffinar ta' żejt mhux maħdum u l-bejgħ tal-prodotti taż-żejt u d-derivattivi tiegħu fl-Arġentina, l-Urugwaj u l-Paragwaj.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8671 — BP/Bridas/Axion

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2017/C 361/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

TALBA GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI FL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' DENOMINAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEGORAFIKA PROTETTA

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

"LAGUIOLE"

Nru tal-UE: PDO-FR-0120-AM05 — 5.4.2017

DOP (X) IĠP ( )

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

Syndicat de défense et de gestion du Fromage de Laguiole
Route de Chaudes-Aigues
12210 Laguiole
FRANZA

Telefown: +33 565444751
Faks: +33 565444757
Posta elettronika: contact@fromagedelaguiole.fr

Il-grupp hu magħmul minn produtturi u proċessuri tal-"Laguiole" u, għalhekk, huwa l-grupp leġittimu biex jipproponi l-emenda.

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

— ☐ Isem tal-prodott

— ☐ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☒ Żona ġeografika

— ☐ Prova tal-oriġini

— ☐ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☐ Tikkettar

— ☒ Oħrajn: spezzjoni

4. **Tip ta' emenda/i**

— ☒ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

— ☐ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għaliha ma jkun ġie rreġistrat l-ebda dokument uniku (jew ekwivalenti) u li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. **Emenda/i**

It-Taqsima: "Żona ġeografika"

Iż-żona ġeografika hija estiża għall- ta' Buisson, Saint-Juéry u Saint-Chély-d'Apcher, fid-dipartiment ta' Lozère. Dawn il-komuni huma kontigwi maż-żona ġeografika attwali u għandhom l-istess karatteristiċi għal dawk tal-komuni inklużi fiż-żona ġeografika. L-integrazzjoni tagħhom fiż-żona ġeografika, għalhekk, ma tbiddilx ir-rabta mal-oriġini.

Il-lista tal-komuni li jiffurmaw iż-żona ġeografika hija aġġornata minħabba l-amalgamazzjoni ta' diversi komuni, mingħajr ebda bidla fil-perimetru. Għaldaqstant, il-komun ta' Argences en Aubrac jiġbor il-komuni l-antiki ta' Alpuech, Graissac, Lacalm, La Terrisse, Sainte-Geneviève-sur-Argence u Vitrac-en-Viadène. Il-komun il-ġdid ta' Saint Geniez d'Olt u d'Aubrac jiġbor il-komuni l-antiki ta' Aurelle-Verlac u de Saint-Geniez-d'Olt. Il-komun il-ġdid ta' Banassac-Canilhac jiġbor il-komuni l-antiki ta' Banassac u ta' Canilhac. Minħabba li l-komuni l-antiki kienu inklużi biss parzjalment fiż-żona ġeografika, huma biss il-partijiet korrispondenti tal-komuni l-ġodda li huma inklużi fiż-żona ġeografika.

Fl-aħħar nett, fid-dokument uniku, id-distretti qed jiġu mibdula bil-lista tal-komuni li jiffurmawhom u l-modifiki msemmija hawn fuq huma integrati wkoll.

Oħra

Fl-intestatura "Referenzi li jikkonċernaw il-korpi ta' spezzjoni", id-dettalji ta' kuntatt tal-korp ta' spezzjoni huma mibdula b'dawk tal-awtorità kompetenti ta' kontroll b'mod li ma jkunx hemm bżonn ta' emenda tal-Ispeċifikazzjonijiet fil-każ ta' bidla fil-korp ta' spezzjoni.

DOKUMENT UNIKU

"LAGUIOLE"

Nru tal-UE: PDO-FR-0120-AM05 — 5.4.2017

DOP (X) IĠP ( )

1. **Isem/Ismijiet**

"Laguiole"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.3 Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

Il-"Laguiole" huwa ġobon magħmul mill-ħalib tal-baqra, b'qoxra niexfa, ippressat u mhux imsajjar, u ta' forma ċilindrika. Għandu kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 gramma għal kull 100 gramma ta' ġobon wara dessikazzjoni totali, u l-kontenut totali ta' materja niexfa ma jridx ikun anqas minn 58 gramma għal kull 100 gramma ta' ġobon.

Il-"Laguiole" għandu forma ċilindrika b'dijametru ta' bejn 30 u 40 cm, bi proporzjon tal-għoli mad-dijametru ta' 0,8 u 1 u jiżen bejn 20 u 50 kg.

Il-maturazzjoni ddum tal-anqas erba' xhur li jibdew mid-data meta jiżdied it-tames.

Il-pasta tal-ġobon hija lewn l-avorju jew safranija lewn it-tiben, u l-qoxra tiegħu ta' lewn abjad jew griża ċara, li waqt il-maturazzjoni tista' ssir kannella ċara jew griża kulur il-granit.

It-togħma ta' ħalib tiegħu hija bejn medja u intensa, skont il-grad ta' maturazzjoni, ibbilanċjata b'karattru speċifiku espress f'tonalitajiet li jvarjaw bejn it-togħma ta' tiben frisk u ta' ġellewża niexfa. Din it-togħma tippersisti fil-ħalq u għandha l-karatteristiċi tipiċi tal-ġobon magħmul mill-ħalib mhux ipproċessat.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Ir-razzjon bażiku tal-merħla tal-ħalib huwa magħmul mill-foraġġ li joriġina fiż-żona ġeografika. L-uniku foraġġ mhux irraffinat awtorizzat huwa magħmul minn flora lokali mill-bwar u mill-mergħat naturali jew permanenti, kif ukoll minn ħaxix u legumi tal-foraġġ ikkultivati fi bwar temporanji. Il-preżenza tal-insilaġġ tal-qamħirrum, tal-insilaġġ tal-ħaxix, tat-tgeżwir jew ta' kull foraġġ ieħor ippreżervat bl-umdità, hija pprojbita.

Meta jkun hemm il-ħaxix, jekk it-temp ikun jippermetti, ir-razzjon bażiku tal-merħla tal-ħalib ikun magħmul prinċipalment minn ħaxix tal-mergħat matul perjodu annwali kkombinat ta' 120 jum. Matul dan il-perjodu, id-doża ta' foraġġ li tissupplimenta r-razzjon tal-ħaxix tal-mergħat ma tistax taqbeż it-3 kg ta' materja niexfa għal kull jum u għal kull baqra tal-ħalib, bħala medja għall-merħla matul il-perjodu tar-ragħa.

L-ammont ta' għalf supplimentari miżjud mar-razzjon bażiku ġie llimitat għal medja ta' 6 kg għal kull baqra li taħleb kuljum għall-baqar kollha li jaħilbu fuq perjodu ta' sena. L-għalf supplimentari mhemmx bżonn joriġina miż-żona ġeografika, billi dik iż-żona ma għandhiex biżżejjed riżorsi agrikoli.

Għall-għalf tal-annimali, huma awtorizzati biss dawk il-ħxejjex, il-prodotti sekondarji u l-għalf supplimentari minn prodotti mhux transġeniċi.

Għall-għalf supplimentari tal-merħla tal-ħalib, huma awtorizzati biss materja prima u addittivi speċifikati f'lista pożittiva.

Il-"Laguiole" hu magħmul esklużivament mill-ħalib tal-baqra sħiħ u mhux ipproċessat, mhux standardizzat f'termini ta' xaħam u proteina. Huwa pprojbit kull immaniġġar fiżiku.

Il-ħalib użat biex isir il-"Laguiole" irid ikun joriġina esklużivament minn merħliet tal-ħalib li jikkonsistu minn baqar tar-razez Simmental française (kodiċi tar-razza 35) jew Aubrac (kodiċi tar-razza 14) jew minn baqar miksuba mill-inkroċjar ta' dawn iż-żewġ razez ta' nisel iċċertifikat. Fejn għandhom x'jaqsmu dawn tal-aħħar, wara l-ewwel ġenerazzjoni, jiġu awtorizzati biss fil-merħla tal-ħalib il-baqar miksuba mill-inkroċjar ma' barrin tar-razza Aubrac (kodiċi tar-razza 14).

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-produzzjoni tal-ħalib, il-produzzjoni u l-maturazzjoni tal-ġobniet isiru fiż-żona ġeografika.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ*

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-"Laguiole râpé" hija pprojbita.

Il-"Laguiole" jista' jiġi ppreżentat f'porzjonijiet. Jekk il-ġobon jinbiegħ f'biċċiet ippakkjati minn qabel, kull biċċa jrid ikollha parti mill-qoxra distintiva tad-denominazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-biċċiet individwali li jiżnu anqas minn 70 gramma.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

It-tikkettar tal-ġobnijiet jinkludi:

— isem id-denominazzjoni tal-oriġini miktub b'ittri li jkunu tal-anqas ta' daqs ekwivalenti għal żewġ terzi tad-daqs tal-akbar ittri li jidhru fuq it-tikketta;

— is-simbolu DOP tal-Unjoni Ewropea.

Il-kelma "buron" tista' tintuża fuq it-tikkettar u fir-reklamar, fil-fatturi jew fid-dokumenti kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin: il-kelma "buron" tintuża biss għall-ġobnijiet magħmula mill-ħalib ta' merħla waħda li tinħaleb matul il-perjodu ta' transumanza (bejn il-25 ta' Mejju u t-13 ta' Ottubru) u li matul dan il-perjodu tirgħa fil-bwar f'altitudni ta' aktar minn 1 000 metru. Sabiex ikunu jistgħu jiġu kkwalifikati b'din il-kelma, il-ġobnijiet iridu jkunu prodotti f'bini li jkun maħsub għall-produzzjoni tal-ġobon u jkun inbena f'dawn iż-żoni ta' bwar għall-użu minn merħla waħda għal kull werkxop. Mhumiex awtorizzati strutturi mobbli jew ħfief, bħal xelters magħmula mit-twavel.

It-tikkettar jista' jiġi sostitwit minn stampar dirett fuq il-qoxra tal-ġobon jew billi titwaħħal musulina stampata minn qabel fuq il-qoxra.

Il-ġobon jista' jkun identifikat ukoll permezz ta' timbru b'imbuzzar li jinkludu l-barri tal-Laguiole kif ukoll il-kelma "Laguiole" u permezz ta' marka ta' identifikazzjoni mqiegħda fuq il-ġobon.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika hija delimitata bil-komuni jew bil-partijiet tal-komuni li ġejjin:

Id-Dipartiment tal-Aveyron: Il-komuni ta' d'Argences en Aubrac, Campouriez, Cantoin, Cassuéjouls, Castelnau-de-Mandailles, Le Cayrol, Condom-d'Aubrac, Coubisou, Curières, Entraygues-sur-Truyère (ix-xatt tal-lemin tal-Lot u x-xatt tax-xellug tat-Truyère 'il fuq mill-konfluwenza tat-tnejn), Espalion (ix-xatt tal-lemin tal-Lot), Estaing, Florentin-la-Capelle, Huparlac, Laguiole, Montézic, Montpeyroux, Le Nayrac, Pomayrols, Prades-d'Aubrac, Saint-Amans-des-Cots, Saint-Chély-d'Aubrac, Saint-Côme-d'Olt (ix-xatt tal-lemin tal-Lot), Saint Geniez d'Olt et d'Aubrac (ix-xatt tal-lemin tal-Lot), Saint-Laurent-d'Olt (ix-xatt tal-lemin tal-Lot), Saint-Symphorien-de-Thénières, Sainte-Eulalie-d'Olt (ix-xatt tal-lemin tal-Lot), Soulages-Bonneval.

Id-Dipartiment ta' Cantal: Il-komuni ta' Anterrieux, Chaudes-Aigues, Deux-Verges, Espinasse, Fridefont, Jabrun, Lieutadès, Maurines, Saint-Martial, Saint-Rémy-de-Chaudes-Aigues, Saint-Urcize, La Trinitat.

Id-Dipartiment ta' Lozère: Il-komuni ta' Aumont-Aubrac, Banassac-Canilhac (ix-xatt tal-lemin tal-Lot), Les Bessons, Brion, Le Buisson, Chauchailles, La Chaze-de-Peyre, La Fage-Montivernoux, La Fage-Saint-Julien, Fau-de-Peyre, Fournels, Grandvals, Les Hermaux, Malbouzon, Marchastel, Nasbinals, Noalhac, Prinsuéjols, Recoules-d'Aubrac, Saint-Chély-d'Apcher, Saint-Germain-du-Teil, Saint-Juéry, Saint-Laurent-de-Muret; Saint-Laurent-de-Veyrès, Saint-Pierre-de-Nogaret, Sainte-Colombe-de-Peyre, Les Salces, Termes, Trélans.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika hija kkaratterizzata minn fatturi distintivi marbuta man-natura tal-ħamrija u tal-klima tagħha, l-altitudni għolja u l-konfini naturali tal-pajsaġġ tagħha. Il-ħamrija tagħha fiha livell għoli ta' bażalt u granit. Il-klima varja u ħarxa hija r-riżultat ta' konfrontazzjoni bejn l-influwenzi kontinentali u muntanjużi ta' Auvergne, li jwasslu għal xtiewi twal u kesħin ikkaratterizzati mir-riħ u ħafna drabi mill-borra, u dawk tal-Midi, li jwasslu għas-sħana u għal xita qawwija u qalila. Fil-qalba taż-żona, il-muntanji tal-Aubrac jifformaw unità omoġenja b'altitudni medja ta' 1 000 metru. Lejn il-Punent u n-Nofsinhar, iż-żona ġeografika tmiss b'mod naturali max-xmajjar tat-Truyère u tal-Lot. Il-ħamrija, il-klima u l-altitudni jingħaqdu flimkien biex jagħtu kwalitajiet eċċezzjonali lill-mergħat, b'mod partikolari flora rikka, aromatika u abbundanti. Meta mqabbla ma' żoni oħra, hawnhekk wieħed isib, b'mod ferm aktar frekwenti, pjanti tipiċi b'livell għoli ta' molekuli aromatiċi (terpènes), bħal pereżempju l-Apiaceae bħall-busbies *(Meum athamanticum)*, il-Geraniaceae *(Geranium sylvaticum)*, il-komposti *(Achillea, Centaurea)* u l-Labiatae *(Prunella grandiflora, Thymus)*.

Il-ġobon ilu jiġi prodott f'dan ir-reġjun bosta snin. Sa mis-seklu tnax, il-patrijiet tal-monasteri ta' Aubrac u Bonneval stabbilew regoli għall-produzzjoni tal-"Laguiole" sabiex il-ħalib prodott fis-sajf kien jista' jintuża biex jitma' lill-pellegrini fix-xitwa. Din il-prassi bdiet tiġi adottata wkoll mill-bdiewa tal-madwar. Fl-1897, il-bdiewa tal-muntanji ngħaqdu flimkien biex ibiegħu l-ġobon tagħhom permezz ta' syndicat de vente, li fl-1939 sar syndicat de défense, u laħaq l-ogħla punt tiegħu meta ġiet rikonoxxuta d-denominazzjoni tal-oriġini fl-1961.

Illum il-"Laguiole" għadu jsir mill-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat mill-baqar tar-razez Simmental française u Aubrac, li adattaw irwieħhom għall-kundizzjonijiet ambjentali taż-żona ġeografika (muntanji medji) u li jieklu prinċipalment billi jirgħu jew permezz tat-tiben fiż-żona ġeografika, mingħajr ebda foraġġ ippreżervat bl-umdità u b'ammont limitat ta' għalf supplimentari. Is-selezzjoni ġenetika mwettqa fi ħdan dawn ir-razez għamlitha possibbli li jissaħħaħ il-kontenut ta' proteini fil-ħalib a skapitu tal-kontenut ta' xaħam u biex jinkiseb ħalib tajjeb għall-produzzjoni tal-ġobon. Id-dieta tal-annimali hija fattur kontributorju ieħor, billi l-għan tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-qamħirrum fil-foraġġ huwa li tillimita l-kontenut ta' xaħam fil-ħalib.

Il-"Laguiole" jimmatura għal żmien twil f'kantina kiesħa (bejn 6 u 12 °C) u umda, u s-suċċess ta' dan il-proċess jiddependi, b'mod partikolari, fuq teknika ta' produzzjoni speċifika (fejn l-iskop tal-iskular doppju, l-ewwel fil-pressa tat-tomme u mbagħad meta jitqiegħed fil-forma, huwa li jżid l-estratt niexef) u trattamenti regolari (tagħrik u tidwir). Dawn l-operazzjonijiet huma ggarantiti mill-ħiliet u min-know-how li ġew ippreżervati fiż-żona ġeografika.

Il-"Laguiole" huwa ġobon ta' daqs kbir (bejn 20 u 50 kg) magħmul mill-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat. Il-pasta ppressata u mhux imsajra tiegħu għandha kontenut għoli ta' materja niexfa ta' mill-inqas 58 %. Jitħalla jimmatura għal mill-inqas erba' xhur.

It-togħma ta' ħalib tiegħu hija bejn medja u intensa, skont il-grad ta' maturazzjoni, ibbilanċjata b'karattru speċifiku espress f'tonalitajiet li jvarjaw bejn it-togħma ta' tiben frisk u ta' ġellewża niexfa. Din it-togħma tippersisti fil-ħalq.

Fil-bidu, il-produzzjoni tal-ħalib fiż-żona ġeografika ta' "Laguiole" kienet staġjonali ħafna. It-taħlib b'mod parallel mat-treddigħ tal-għoġġiela seta' jsir biss meta l-fertilità naturali tal-ħamrija fiż-żona ġeografika kienet tippermetti t-tkabbir ta' flora abbundanti li tkopri l-ħtiġijiet tal-annimali. Sabiex jiġi ppreżervat u jittawwal l-użu ta' dan il-ħalib, in-nissiela fiż-żona ġeografika żviluppaw ġobon ta' daqs kbir u li jżomm fit-tul: il-"Laguiole".

Billi dan il-ġobon hu magħmul mill-ħalib sħiħ, il-kwalità ta' konservazzjoni tiegħu tiddependi fuq il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tal-ħalib u tal-produzzjoni tal-ġobon li jiffavorixxu ħalib li huwa adattat għall-produzzjoni tal-ġobon, b'livell għoli ta' proteina iżda b'kontenut limitat ta' xaħam, u li jista' jiġi skulat b'mod intensiv kemm fi pressa tat-tomme kif ukoll fi preses wara li jitqiegħed fil-forma, sabiex tinkiseb pasta ppressata u mhux imsajra b'kontenut għoli ta' materja niexfa.

B'mod partikolari, il-baqar tal-ħalib tar-razez Simmental française u Aubrac adattaw irwieħhom tajjeb għall-kundizzjonijiet ambjentali taż-żona ġeografika. Permezz tar-reżistenza tagħhom, dawn il-baqar jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-produzzjoni ta' foraġġ fiż-żona ġeografika minkejja r-restrizzjonijiet dovuti għax-xtiewi twal u ħorox. Id-dieta tagħhom tikkonsisti f'foraġġ b'livell għoli ta' pjanti aromatiċi, li jfewħu lill-ħalib u allura lil-"Laguiole" li hu magħmul minnu.

Il-ħalib mhux ipproċessat użat fil-produzzjoni tal-ġobon u l-perjodu twil ta' maturazzjoni f'temperaturi baxxi jirriżultaw fil-karatteristiċi tipiċi tal-"Laguiole" marbuta mal-flora lattika tal-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-eee5e8f9-73b8-403f-8ad2-db22ef109a27/telechargement

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT